# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2022

**Nru fuq il-Lista: 1**

**Rik. Nru. 472/2022/1 ISB**

**REPUBBLIKA (VO 1670)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**SENTENZA PARZJALI FIR-RIGWARD TAT-TIELET TALBA MRESSQA FIR-RIKORS PROMOTUR**

**Il-Qorti:-**

Rat **ir-Rikors** promotur pprezentat fit-12 ta' Settembru 2022, u ghall-finijiet ta' din is-sentenza *in parte*, qed issir referenza għat-tielet talba hemmek magħmula minn fejn jirriżulta illi r-rikorrenti qed titlob illi :

*preventivament joghgobha tordna li*

***a)*** *jew li dan ir-rikors kostituzzjonali jkun deciz b'mod urgenti u immedjat* ***qabel*** *is-27 t'Ottubru 2022 stante li l-Magistrat Nadine Lia appuntat id-data tas-27 t'Ottubru 2022 biex dakinhar tibda tisma' l-isfida li ressqet REPUBBLIKA,*

***jew alternattivament***

**b)** *joghgobha tohrog b'urgenza ordni interim lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza msemmija* ***REPUBBLIKA vs Kummissarju tal-Pulizija*** *sabiex izzomm u twaqqaf lil Magistrat Dr Nadine Lia milli izzomm seduti jew taghti ordnijiet in konnessjoni ma' din il-kawza ta' challenge li REPUBBLIKA ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Gunju 2022 skond l-art.541 tal-Kap.9, peress li altrimenti jigi fix-xejn l-iskop ta' dan ir-rikors kostituzzjonali u allura konsegwentement taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji sabiex ma thalliex li d-dritt fondamentali ghal smigh xieraq li REPUBBLIKA ghandha, jibqa' jinkiser u ma jigix miksur;*

u dan wara illi r-rikorrenti ppremettiet is-segwenti:

1. *Qed jigi premess illi REPUBBLIKA hija immexxija minn Kumitat ta 'persuni li huma taxpayers f'Malta u huma cittadini Maltin u hija munita, iggwidata u vinkolata bi Statut li jghid fl-**artiklu 2(1)** tieghu:*

> *"The Association is composed of individuals who act independently of government and other interests and seeks to promote civil rights, democratic life, the rule of law, free speech, personal freedoms, social inclusion, environmental conservation, economic sustainability and equality of access, by means of active participation in the national discourse and related educational, social and charitable initiatives.";*

*Kif ukoll fl-**artiklu 2(8a(i))** tieghu l-iStatut jghid hekk:*

> *"The objects, aims and purposes for which the Association is being constituted and established are:*
>
> *(a) To promote civil rights, democratic life, the rule of law, free speech, personal freedoms, social inclusion, environmental conservation, economic sustainability and equality of access, by means of active participation in the national discourse and related educational, social and charitable initiatives;*

*U fl-**artiklu 2(8)(ix)** tal-iStatut jinghad hekk:*

> *"To promote the drawing up of strategies for non-violent resistance against the domination of the mafia in Malta and mafia infiltration within the community and institutions; promoting a culture of accountability for people of authority who abuse their power in breach of the obligations of their public function; draw up non-violent strategies of resistance to corruption;"*

*REPUBBLIKA, skond l-**artiklu 3** tal-iStatut taghha hija ippernjata fuq numru ta 'principji, fosthom li:*

*"b) A democratic state is well-functioning and authoritative and incorporates ways and means to check, monitor and restrain the power of political leaders and state officials. In this context civil society oversees how state officials use their powers, and raises public concern about any abuse and lobbies for access to information to carry out this function.*

*c) Civil society exposes corrupt conduct of public officials and lobbies for good governance reforms."*

2. *Permezz ta' dan ir-rikors, **in essenza**, r-rikorrenti qed tilmenta minn ksur tad-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq quddiem Qorti imparzjali u senjatament il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sedenti l-Magistrat Dr Nadine Lia fil-kawza ta' challenge ta' REPUBBLIKA vs l-Kummissarju tal-Pulizija ipprezentata fis-27 ta' Gunju 2022, in vista tal-fatt li l-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta qed jaghti awtorita mhux sindikabbli lil gudikant, u cjoe lil Magistrat Dr Nadine Lia, li qed tippresjedi kawza tal-istess REPUBBLIKA kontra l-Kummissarju tal-Pulizija a tenur tal-art.541 tal-Kodici Kriminali sabiex din il-Magistrat tiddeciedi **hi wahedha u hija stess** t-talbiet ta' rikuza li REPUBBLIKA ressqet quddiemha ghal diversi ragunijiet skond il-ligi, u stante li l-Magistrat Nadine Lia ma tista' taghti ebda garpnzija ta' imparzjalita jew dehra ta' imparzjalita quddiem kawza fejn l-interessi tal-klijenti tal-kunjatu taghha huma mhedda bl-azzjoni legali li REPUBBLIKA qed titlob li ssir kontrihom.*

3. *Fil-qosor hafna, il-fatti li qed jaghtu lok ghal dan ir-rikors kostituzzjonali huma s-segwenti:*

    1. *Fis-27 ta' Gunju 2022 REPUBBLIKA intavolat rikors guramentat kontra l-Kummissarju tal-Pulizija a tenur tal-art.541 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), hekk imsejjah challenge proceedings biex dan ikun ordnat iressaq 'l Qorti fuq money laundering, assocjazzjoni kriminali, kongura u reati ohra, lil ex-Diretturi u ufficjali tal-Pilatus Bank skond kif hekk ordnat Inkjesta Magisterjali li intemmet fl-2021.*

    2. *Dan il-kaz gie assenjat lis-Sinjura Magistrat Dr Nadine Lia.*

    3. *Fir-rikors guramentat a tenur tal-art.541 tal-Kodici Kriminali, REPUBBLIKA wriet li kienet taf x'kienu l-konkluzjonijiet ewlenin ta'*

*Inkjesta Magisterjali dwar il-hasil tal-flus u reati ohra li sehhew mill-ufficjali u Diretturi tal-Pilatus Bank f'Malta, liema Inkjesta Magisterial intemmet f'Marzu 2021.*

4. *REPUBBLIKA fir-rikors promotur taghha wriet quddiem il-Magistrat Nadine Lia, bil-gurament tal-President taghha, n-Nutar Robert Aquilina, li l-Inkjesta Magisterjali li intemmet f'Marzu 2021 kienet ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jressaq 'l Qorti numru ta' persuni, Maltin u barranin, in konnessjoni mal-hasil tal-flus u assocjazzjoni kriminali u kongura li twettqu minn u permezz tal-Pilatus Bank.*

5. *Fost dawn il-persuni indizzjati hemm hbieb intimi tal-ex Prim Ministru Joseph Muscat u l-ex Chief of Staff tieghu Keith Schembri, kif ukoll fil-konfront tal-istess Keith Schembri instab mill-Inkjesta Magisterjali li kien hemm lok li dan jigi mressaq fuq trading in influence, reat kriminali.*

6. *REPUBBLIKA fir-rikors promotur wriet quddiem il-Magistrat Nadine Lia, bil-gurament tal-President taghha, n-Nutar Robert Aquilina, li l-Inkjesta Magisterjali li intemmet f'Marzu 2021 kienet ordnat lill-Avukat Generali sabiex terga' tinfetah l-Inkjesta Magisterjali dwar EGRANT ghax l-esperti forensici mqabbdin mill-Magistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Magisterjali dwar il-Pilatus Bank sabu li hemm kaz fondat biex jemmnu li l-Pilatus Bank kellu sistema mohbija ta' kif jinzammu l-accounts li setghet hbiet hlas ta' tixhim ta' iktar minn $1 miljun u liema stratagemma ma kienx inqabad mill-Inkjesta Magisterjali EGRANT li infethet fl-2017 fuq talba tal-avukat Pawlu Lia ghan-nom ta' Joseph Muscat dakinhar Prim Ministru.*

7. *REPUBBLIKA issottomettiet bil-miktub (ghax hekk giet ordnata taghmel mill-istess Magistrat Dr Nadine Lia) lil Magistrat Dr Nadine Lia li galadarba l-kunjatu taghha kien l-avukat ta' Joseph Muscat, allegat klijent tal-Pilatus Bank u ta' Keith Schembri, klijent ikkonfermat tal-Pilatus Bank, ma setghet qatt taghti l-garanzija ta' imparzjalita oggettiva u suggettiva mitluba mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni ta' Malta*

8. *Immedjatament kif ir-rikors promotur gie assenjat quddiem il-Magistrat Lia u REPUBBLIKA saret taf b'dan, REPUBBLIKA talbet lill-istess Magistrat Lia permezz ta' rikors appozitu sabiex il-Qorti tal-Magistrati tressaq 'l quddiem l-ewwel data ta' smigh tal-kawza (li l-Magistrat Lia kienet* ***appuntat ghal 4 (erba') xhur wara, u cioe fis-27 t'Ottubru 2022****) sabiex REPUBBLIKA tkun tista' titlob ir-rikuza formalment skond il-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-parentela tal-Magistrat Lia mal-avukat ta' Joseph Muscat u Keith Schembri.*

9. *REPUBBLIKA gabet raguni ohra ghala l-Magistrat Lia kellha tirrikuza ruhha mill-ewwel: il-fatt li missier ir-ragel taghha (Dr. Pawlua Lia) kien l-*

*avukat li kien irrediga t-terms of reference f'Mejju 2017 lill-Magistrat tal-Ghassa dakinhar sabiex tinfetah l-Inkjesta EGRANT sabiex din issib ta' min m'hijiex EGRANT minflok ta' min hi jew ghal min kienet intenzjonata meta twaqqfet fl-2013.*

10. *REPUBBLIKA giet mitluba mill-Magistrat Lia biex taghti r-ragunijiet taghha bil-miktub ghar-rikuza taghha, minkejja li l-Kap.12 jobbliga (gustament) li min jitlob rikuza dan jaghmlu fil-Qorti **fil-miftuh** **(art.737 tal-Kap.12)**.*

11. *REPUBBLIKA ipprezentat nota urgenti fejn talbet gwida lill-Magistrat ghax kellha d-dilemma tobdiex ordni illegittima tal-Magistrat li rieditha turi minn issa bil-miktub x'kellha x'tghid fuq ir-rikuza taghha, inkella tobbdiex il-Ligi li b'ghaqal trid li jkun hemm massima trasparenza meta tintalab rikuza.*

12. *Stante li l-Magistrat Dr Lia baqghet tordna lil REPUBBLIKA sabiex titlob ir-rikuza bil-miktub immedjatament u tghid ghala, REPUBBLIKA ottemperat ruhha ma' dik l-ordni u semmiet l-iktar ragunijiet important.*

13. *REPUBBLIKA gabet diversi ragunijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex turi ghala l-Magistrat Dr Lia qatt ma setghet tkun gudikant imparzjali u lanqas tidher li hija imparzjali.*

14. *B'zieda mar-ragunijiet li issemghu hawn fuq, REPUBBLIKA tat raguni ohra bil-miktub f'dak l-istadju quddiem il-Magistrat Lia: incident gewwa l-Belt Valletta fil-pubbliku meta l-Avukat Pawlu Lia mar fuq il-President ta' REPUBBLIKA, n-Nutar Robert Aquilina, u aggredih verbalment biex jintimidah ghal kwazi 15-il minuta talli kien azzarda jitlob ir-rikuza minhabba "l-familja tieghi".*

15. *Minkejja dan kollu, fid-digriet taghha tad-29 ta' Awwissu 2022, il-Magistrat Lia regghet cahdet it-talba tar-rikuza li ghamlet REPUBBLIKA.*

16. *REPUBBLIKA minkejja tali cahda, regghet ghamlet it-tielet talba ghal rikuza permezz ta' rikors tal-1 ta' Settembru 2022 li gie deciz u michud mill-Magistrat Dr Nadine Lia fis-6 ta' Settembru 2022 u li izda gie komunikat lil REPUBBLIKA fis-7 ta' Settembru 2022. Mhux talli f'dan id-digriet il-Magistrat Dr Nadine Lia **cahdet** it-talba ta' REPUBBLIKA biex jitharrek il-kunjatu taghha fl-ewwel seduta sabiex REPUBBLIKA tkun tista' turi ghala l-parentela tieghu mal-Magistrat sedenti kien qed jeqred kull garanzija ta' imparzjalita soggettiva u oggettiva, izda canfret lil Repubblika għax qalet li fir-rikors oriġinali tagħha, REPUBBLIKA tkellmet biss fuq id-Diretturi ta' Pilatus Bank li l-pulizija għadha ma ressqitx u m'għamlet l-ebda riferenza għal Egrant.*

17. *Għal xi raġuni l-Maġistrat Lia bhal donnha kellha bhal ghamad ma' ghajnejha li ma hallihiex tara dak li REPUBBLIKA qalet dwar Egrant fir-rikors oriġinali tagħha tas-27 ta' Gunju 2022, u injoratu, u cjoe: "Apparti minn hekk, ir-rikorrent jaf ukoll, u dan qed jingħad għall-kompletezza quddiem din l-Onorabbli Qorti, li l-Inkjesta Maġisterjali imsemmija li intemmet għall-ħabta ta' Marzu 2021 ordnat li terġa' tinfetaħ l-inkjesta EGRANT, liema EGRANT, kumpanija sigrieta fil-Panama imwaqqfa 48 siegħa wara l-elezzjoni ġenerali tal-2013 f'Malta, hija intimament marbuta mal-operat maħmuġ tal-Pilatus Bank, u dan kif inhu magħruf minn diversi rapporti lokali u internazzjonali."*

18. *Iktar minn hekk, 1. il-Magistrat Nadine Lia* ***injorat*** *id-Dokument A ippreparat, awtentikat u mahluf minn Nutar Robert Aquilina, fejn tissemma' Egrant; u 2.* ***mhux vera*** *li qalet il-Magistrat Nadine Lia li l-lista ta' indizjati ma tistax tirrigwardja klijenti tal-kunjatu tagħha ghax fid-Dokument B Vesebit mar-rikors promotur jintużaw il-kliem "inter alia" bi skop.*

19. *Stranament ukoll f'dan id-digriet tas-6 ta' Settembru 2022, il-Magistrat Dr Nadine Lia, fejn cahdet ghat-tielet darba r-rikuza mitluba, hasset li kellha tirreferi ghal incident imsemmi minn REPUBBLIKA fejn il-kunjatu taghha qasam Strada Rjali fil-Belt Valletta biex jintimida u jhebb verbalment ghall-President ta' REPUBBLIKA talli kien azzarda jitlob ir-rikuza taghha bhala "incident spontaneju".*

20. *Jigifieri il-Maġistrat Nadine Lia* ***qabel*** *biss semgħet ix-xhieda kemm tan-Nutar Aquilina, kemm tal-kunjatu tagħha l-Avukat Lia, kif ukoll ta' terzi maghrufa li kienu fuq il-post, ghaddiet ġudizzju dwar in-natura tal-inċidenti imsemmi.*

21. *La ma instemghetx ix-xhieda tal-avukat Pawlu Lia dwar dan l-incident meta dan qasam biex jakkosta lil Robert Aquilina, President ta' REPUBBLIKA, kif jista' jkun li l-Magistrat Nadine Lia hassitha komda tghid li kien "incident spontaneju"? Bilfors jinqala' s-suspett raġjonevoli għall-aħħar li l-Maġistrat Lia privatament ikkonsultat mal-kunjatu tagħha dwar dan l-inċident. Is-suspett waħdu, aħseb u ara jekk dan hu dak li fil-fatt seħħ, hu raġuni ohra għar-rekuża tal-Maġistrat Lia.*

22. *REPUBBLIKA tissottometti li tali dikjarazzjonijiet tal-Magistrat Dr Nadine Lia u tali nuqqasijiet fil-korrettezza fattwali ta' dak li inkiteb quddiemha juru l-parzjalita lampanti tal-Magistrat Dr Nadine Lia fil-konfront ta' REPUBBLIKA.*

23. *REPUBBLIKA temmen li hemm sahansitra iktar ragunijiet ghar-rikuza tal-Magistrat Dr Nadine Lia, lkoll naxxenti mill-parentela taghha mal-avukat Pawlu Lia u allura kunflitt ta' interess lampanti:*

1. *Dr Pawlu Lia kien l-avukat ta' Konrad Mizzi ghal snin shah u iddefendih f'hemel libelli fejn l-allegazzjoni kienet il-korruzzjoni jew il-hasil tal-flus, inkluz permezz ta' kumpaniji sigrieti barra minn Malta. Huwa fatt maghruf li Chen Cheng, in-negozjatur ewlieni Ciniz mal-Enemalta u ma' Konrad Mizzi meta dan kien Ministru responsabbli mill-Enemalta, instab li kien il-mohh wara kumpanija sigrieta fil-Panama biex ihallas tixhim* ***lill-istess Konrad Mizzi u Keith Schembri*** *li kumbinazzjoni t-tnejn kienu patrocinati mill-kunjatu tal-Magistrat Nadine Lia.*

2. *l-istess* ***Chen Cheng instab li kellu kont fil-Pilatus Bank****. Jigifieri dak li hu allegat li kien qed ixahham lill-klijenti tal-kunjatu tal-Magistrat Dr Nadine Lia kellu kont fil-bank li huwa suggett tac-challenge maghmula minn REPUBBLIKA.*

3. *Skond il-****ligi tas-successjoni****, il-Magistrat Nadine Lia għandha dritt li tiret mingħand żewġha kwart ta' ġidu kollu bħala s-sehem riżervat lilha qua martu. Ulied il-Magistrat Nadine Lia għandhom dritt jirtu mingħand iben Pawlu Lia terz ta' ġidu kollu. Ir-raġel tal-Magistrat Nadine Lia u ħutu għandhom dritt jirtu terz ta' ġid Pawlu Lia. Mela allura l-Magistrat Nadine Lia ghandha interess pekunjarju car fil-gid tal-avukat Pawlu Lia, l-kunjatu taghha.*

4. *Skond il-Ligi Civili, l-Magistrat Nadine Lia u zewgha, it-tifel ta' Dr Pawlu Lia, huma prezunti li ghandhom il-****<u>komunjoni tal-akkwisti</u>****. Ghalhekk hija jkollha dritt għal nofs il-frott ta' dak kollu li żewġha jiret mingħand Dr Pawlu Lia. Interess pekunjarju u finanzjarju iehor li l-Magistrat Nadine Lia ghandha fil-beni tal-avukat Pawlu Lia, l-kunjatu taghha.*

5. *La teżisti l-prezunzjoni tal-****komunjoni tal-akkwisti*** *bejn il-Magistrat Nadine Nadine Lia u żewġha, li hu avukat li jahdem fl-istess ufficju legali ma' missieru Dr Pawlu Lia, dak kollu li żewġha jdaħħal mis-sehem tiegħu fl-uffiċċju ta' Pawlu Lia jidħol awtomatikament fil-komunjoni li Nadine Lia u żewġha huma prezunti li għandhom. Dan huwa interess finanzjarju dirett tal-Magistrat Nadine Lia u effettivament hemm "financial partnership" bejn il-Magistrat Nadine Lia u l-kunjatu taghha. Ergo, kunflitt ta' interess lampanti u koccut.*

6. *Raguni ohra li REPUBBLIKA temmen li timmina gravement l-imparzjalita oggettiva u soggettiva tal-Magistrat Nadine Lia fil-konfront ta' REPUBBLIKA fil-kawza ta' challenge miftuha fis-27 ta' Gunju 2022 tippernja madwar l-ex Ministru u ex employer ta' Dr Nadine Lia u cjoe* ***Dr Chris Cardona****.*

7. *Dan ghaliex huwa fatt maghruf li Dr Nadine Lia kienet person of trust tal-Ministru Chris Cardona, tant li wara l-elezzjoni tal-2013 hija inghatat minghandu kuntratt ta' €60,512 fis-sena bhala konsulent legali tal-Ministru Cardona u iktar tard appuntata minnu bhala Regolatur tal-Family Businesses.*

8. *Gara li fl-2019 REPUBBLIKA talbet, thabtet u rebhet battalja legali bla precedent biex tinfetah Inkjesta Magisterjali kontra numru ta' Ministri ghal hasil ta' flus u korruzzjoni fil-kuntratti tal-VGH (sptarijiet pubblici). Wiehed minn dawk indikati minn REPUBBLIKA li kellu jkun investigat ghal dawn ir-reati kriminali kien proprju Chris Cardona.*

9. *Kif jista' jkun, tissottometti bil-qima REPUBBLIKA, li hija jkollha l-kawza ta' challenge li hija fethet fis-27 ta' Gunju 2022 gudikata u mismugha minn Magistrat imparzjali u indipendenti (sew oggettivament u soggettivament) meta REPUBBLIKA talbet u qed titlob f'Inkjesta Magisterjali (VGH, li ghadha pendenti) biex <u>l-istess</u> ex employer tal-Magistrat Nadine Lia jigi ipprocessat u misjub hati ghal hasil ta' flus u korruzzjoni, meta llum quddiem dik <u>l-istess</u> Magistrat Nadine Lia hemm <u>l-istess</u> REPUBBLIKA? Fejn hija, issaqsi REPUBBLIKA bil-qima, il-garanzija li l-gustizzja tkun <u>tidher</u> (imqar) li qed issir?*

10. *Iktar u iktar meta fl-istess perjodu li Dr Nadine Lia kienet person of trust tal-Ministru Chris Cardona (wara l-elezzjoni tal-2013) u allura **<u>fl-istess</u>** perjodu li REPUBBLIKA kienet talbet li Chris Cardona jitressaq 'l Qorti fuq korruzzjoni u hasil ta' flus imwettaq minnu **<u>fl-istess</u>** perjodu li jkopri l-perjodu meta Nadine Lia kienet person of trust tieghu, Chris Cardona kellu bhala avukat tieghu xejn hadd hlief….l-avukat Pawlu Lia, il-kunjatu ta' Nadine Lia. L-employer ta' Nadine Lia li kien taha kuntratt ta' €60,512 fis-sena kien qabbad bhala avukat tieghu lill-kunjatu ta' Dr Nadine Lia, u dan sija qabel u sija wara li Dr Nadine Lia kienet appuntata Magistrat f'April 2019. Din tassew kienet u hija "**<u>a blissful all-in-the family jamboree</u>**" kif darba l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem per Imhallef Giovanni Bonello qalet fl-2008 f'sentenza kontra Malta dwar regoli ta' rikuza ta' Imhallef. Raguni iktar u ikbar ghala REPUBBLIKA hija konvinta li l-Magistrat Lia la hija u lanqas tista' tidher li tkun imparzjali u indipendenti fil-konfront ta' REPUBBLIKA sew oggettivament u sew soggettivament.*

11. *Hemm iktar. Hafna iktar. Hafna insew, izda REPUBBLIKA ma nsietx, li l-allura Dr Nadine Lia fit-**3 ta' Mejju 2017** ippartecipat f'attivita politika tal-Partit Laburista fir-Rabat, Malta u fid-diskors*

*taghha hegget bil-qalb lill-poplu biex jivvota lill-Partit Laburista (klijent ttal-kunjatu taghha ta' dakinhar u tal-llum) u lill-Joseph Muscat, l-klijent tal-kunjatu taghha ta' dakinhar u tal-llum.*

12. *Fid-diskors taghha hija qalet sentenza li meta persuna b'intelligenza ordinarja llum tismaghha, bl-gharfien ta' dak li nafu llum dwar x'qalet u x'sabet l-Inkjesta Pilatus Bank fuq EGRANT u x'qed titlob REPUBBLIKA fil-kawza ta' challenge li hija fethet fis-27 ta' Gunju 2022, jaqbdek il-bard.*

13. *Essenzjalment Dr Nadine Lia dakinhar tat-**3 ta' Mejju 2017**, waqt il-kamapanja elettorali, waqt attivita tal-Partit tal-kunjatu taghha qalet hekk: "**Zball? Isir? Iva…So what? Imbilli! Minghajr zball ma tasalx! Kulhadd jaghmel zball.…Min tghallem isuq bla ma zbalja? L-ebda tfal ma tghallmu jimxu jekk ma waqghux! Il-punt mhuwiex jekk kien hemm zball, imma li wasalna!" Jekk kien hemm zball, dak kien parti mill-process**!!" (Vide: https://www.maltatoday.com.mt/news/election-2017/76825/watch_joseph_muscat_live_on_pjazza#.YxnPhOzRY0E fejn fis-46 minuta jibda l-intervent sublimi ta' Dr Nadine Lia)*

14. *Ma ninsewx: meta Dr Nadine Lia indirizzat attivita politika fit-3 ta' Mejju 2017 kienet qed titkellem f'kuntest storiku u politiku li hadd ma jista' jmeri: il-klijent tal-kunjatu taghha kien sejjah elezzjoni generali 48 siegha qabel biss (imsejha sena qabel zmienha). U x'kienet ir-raguni ghala sejjahha? EGRANT. Joseph Muscat huwa on record jghid ad nauseam li l-elezzjoni generali tal-2017 kellu jsejjahha minhabba l-allegazzjonijiet fuq EGRANT dwaru u dwar martu.*

15. *REPUBBLIKA fis-27 ta' Gunju 2022 giet mistennija li tidher 'l Qorti biex tkun iggudikata mill-istess apologista u difensura ta' dawk li fethu EGRANT bil-mohbi biex jixxahhmu minn fuq dahar ir-rikorrenti u l-poplu kollu u li minhabba EGRANT sahansitra l-klijent tal-kunjatu taghha sejjah elezzjoni bikrija, u tistenna li dik l-apologista, llum Gudikant, tkun imparzjali soggettivament u oggettivament ma' REPUBBLIKA meta REPUBBLIKA qed tghidilha li hemm ordni ta' Magistrat Inkwirenti ta' Marzu 2021 biex l-Inkjesta EGRANT terga' tinfetah ghax instabu indizzji godda li zgur **m'humiex** balzmu ghal widnejn Dr Nadine Lia, Dr Pawlu Lia u Dr Joseph Muscat.*

16. *U x'kien ghamel Joseph Muscat 72 siegha qabel dakinhar li tkelmet Nadine Lia? Kien qabbad lill-kunjatu ta' Nadine Lia biex jiftahlu Inkjesta Magisterjali bit-terms of reference li ried hu biex l-Inkjesta issib ta' min ma kienetx EGRANT.*

17. *REPUBBLIKA tfakkar bil-qima: permezz ta' liema bank suppost sar il-hlas ta' tixhim ta' $1 miljun ghal EGRANT li minhabba fiha issejhet malajr malajr l-elelzzjoni generali li fiha hadet sehem Nadine Lia f'Mejju 2017? Permezz tal-**Bank Pilatus.***

18. *Fid-digriet taghha tas-**6 ta' Settembru 2022**, l-Magistrat Nadine Lia, mart it-tifel tal-avukat ta' min sejjah l-elezzjoni generali fl-2017 minhabba fih u EGRANT, canfret lil REPUBBLIKA. Ghala? Ghax skond is-Sinjura Magistrat Dr Nadine Lia, REPUBBLIKA ma kienet qalet xejn fir-rikors promotur taghha tas-27 ta' Gunju 2022 li l-Inkjesta Pilatus Bank kienet qalet xi haga jew ordnat xi haga gdida fuq EGRANT. Mhux veru.*

19. *Haga eminentement **falza** ghax REPUBBLIKA kienet annettiet dokument mar-rikors promotur taghha li kien traskrizzjoni fidila u awtentika tal-konkluzjoni tal-Inkjesta Pubblika Pilatus Bank fejn kient ordnat li terga' tinfetah EGRANT.*

20. *B'koincidenza bizarra li kienet taghmel gieh lil Franz Kafka, il-Magistrat Nadine Lia, li llum ghandha l-obbligu li tkun u tidher li tkun imparzjali u indipendenti fil-kawza ta' REPUBBLIKA biex jinfethu passi kriminali in konnessjoni ma' EGRANT u l-ufficjali tal-Bank li permezz tieghu setghet topera EGRANT, "insiet" jew "injorat jew hbiet" fatt krucjali hafna mill-argumenti li gabet REPUBBLIKA meta talbet ir-rikuza taghha: il-fatt inkonfutabbli li hemm ordni ta' Magistrat Inkwirenti fl-2021 biex terga' tinfetah investigazzjoni dwar EGRANT ghax instab stratagemma li bih setghet sar il-habi tal-hlas tat-tixhim ta' $1 miljun.*

21. ***Kumbinazzjoni** l-istess EGRANT li kienet wasslet biex Nadine Lia fit-3 ta' Mejju 2017 tkelmet fl-attivita tal-Partit tal-kunjatu taghha u li emfasizzat fiha li EGRANT (ghax **<u>dik</u>** kienet it-tema u kagun ewlieni ghas-sejha tal-elezzjoni generali tal-2017) kienet "zball" li kulhadd kellu jinsa u jiggustifika ghax inkella ma nikbrux u ma nimxux. U REPUBBLIKA llum hija mistennija jkollha smigh xieraq minn Qorti imparzjali u indipendenti (oggettivament u soggettivament) minn Magistrat li kienet ghamlet appell pubbliku waqt kampanja elettorali biex tiddefendi u tnessi EGRANT fl-2017, 72 siegha biss wara li l-kunjatu taghha ta' dakinhar u tal-llum fetah Inkjesta biex ma tohrogx il-verita fuq EGRANT.*

22. *REPUBBLIKA ghalhekk hija gustifikata tilmah certu akkaniment mhux normali, stramb u perikoluz mill-Magistrat Nadine Lia meta hija cahdet it-talbiet tar-rikuza taghha f'din il-kawza. Il-Magistrat Lia li fid-digriet taghha tas-6 ta' Septembru 2022 riedet deliberatment*

*tahbi u tnessi dak li REPUBBLIKA zvelat* ***bil-gurament*** *fuq x'instab gdid fuq EGRANT fl-2021. L-istess bhalma l-kunjatu taghha fl-1 ta' Mejju 2017 kien fetah Inkjesta Magisterjali dwar EGRANT (l-istess Inkjesta li s-sena l-ohra REPUBBLIKA saret taf li kienet monka u mhux kompluta) biex jahbi ta' min kienet jew ghal min kienet intenzjonata EGRANT biex tircievi tal-anqas $1 miljun f'tixhim. Jahbi min ghandu x'jahbi. Iktar u iktar meta l-Magistrat Dr Lia assolutament ma riedetx thalli li l-kunjatu taghha jixhed quddiemha kif talbet REPUBBLIKA u meta wiehed jara li l-Magistrat Dr Lia irrapurtat certu dikjarazzjonijiet fid-digriet taghha tas-6 ta' Septembru 2022* ***li zgur ma gewx minn REPUBBLIKA****, wiehed jasal ghall-konkluzjoni li m'hemmx mod iehor kif tigi deskritta:* ***sitwazzjoni tal-biza', bla precedent u gravi****. Ghax iqum id-dubbju ragjonevoli li Dr Pawlu Lia kellu sehem fid-digrieti ta' cahda ta' rikuza da parti tal-mara tat-tifel tieghu. Konkluzjoni li anke meta qed tinkiteb f'din is-sottomissjoni legali, iggieghel l-idejn jirtoghdu bl-implikazzjonijiet.*

23. *Finalment, hemm punt li jnissel dehxa ma' dahar kull min jaqra d-digriet tal-Magistrat Dr Lia tas-6 ta' Settembru 2022 li REPUBBLIKA jehtigielha ggib ghall-attenzjoni gentili ta' din l-Onor. Qorti: li l-Magistrat Dr Lia ghal darba, darbtejn, tlieta ghamlet minn kollox biex twassal lin-Nutar Robert Aquilina biex jikxef is-sorsi tieghu li grazzi ghalihom sar jaf bl-ezitu tal-Inkjesta Magisterjali Pilatus Bank.*

24. *Din m'hu xejn hlief indikazzjoni, f'ghajnejn REPUBBLIKA, tan-nuqqas assolut ta' imparzjalita oggettiva u soggettiva tal-Magistrat Dr Lia fil-konfront ta' REPUBBLIKA, jekk mhijiex addirittura mala fede. Minflok il-Magistrat Lia ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali biex jghidulha jekk hux veru dak li kien issottomettilha bil-gurament tieghu n-Nutar Aquilina qua President ta' REPUBBLIKA, x'ghamlet? Dawret il-kanuni fuq REPUBBLIKA u l-ewwel qalet li dak li qal Robert Aquilina kien "diceriji jew asserzjonijiet gratuwiti". Meta imbaghad Aquilina wiegeb billi wera li huwa ghandu l-provi iswed fuq l-abjad, il-Mag Lia staqsiet lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali biex jghidulha jekk huma qattx ghaddew xi kopja tal-Inkjesta Pilatus Bank lil REPUBBLIKA. U dawn ovvjament qalulha li le, minflok qalulha li dak li qal Robert Aquilina kien fatt veru. (kieku dak li qal Aquilina ma kienx minnu kien ifisser li Aquilina jkun ikkommetta tal-anqas zewg delitti magguri li kellu jwassal biex il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali jarrestawh u jressquh 'l Qorti b'arrest). Il-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ma tawx kopja tal-Inkjesta Maġisterjali lil Robert Aquilina bl-ebda mod ma jfisser li*

*Robert Aquilina ma rax jew ma ingħatax kopja tal-imsemmija Inkjesta jew ta' parti/jiet minnha.*

25. *Ghalhekk fit-tielet darba x'ghamlet il-Magistrat Dr Lia, wara li Robert Aquilina ipprezentalha traskrizzjoni verbatim ta' estratt mill-konkluzjoni tal-Inkjesta Magisterjali Pilatus Bank li nehha kull dubbju li seta' kien hemm li ma kellux il-provi u li kien qed ighid il-verita? Fis-6 ta' Settembru 2022 qalet li hemm dubbju fuq l-awtenticita tal-prova li gab Aquilina ghax kienet miktuba b'idejh, minkejja li kienet awtentikata minnu bhala Nutar Pubbliku u gguramentata!*

26. *Fi kliem iehor, il-Magistrat Lia kieku vera kellha d-dubbju genwin li n-Nutar Aquilina seta' ipprezenta dokument falz, logikament kienet tordna li jigi investigat ghal falz ideologiku u falsikfikazzjoni ta' att pubbliku, apparti reati ohra. Imma ghazlet li tnessi li huwa ghandu l-awtorita' legali li jattribwixxi public faith lil dokumenti, liema awtorita' tahielu l-Istat Malti. Sahansitra implikat li jekk Robert Aquilina akkwista l-evidenza permezz ta' leak, allura ma kienetx ser tħares lejha!*

27. *Hekk jimxi u jagixxi Magistrat li jrid jidher li hu imparzjali, issaqsi bil-qima REPUBBLIKA? Hekk kien jimxi Magistrat onest u imparzjali li jrid jiskopri l-verita, flok jidher li qed jikkoludi ma' min ghandu interess li ma jitressqux certu nies 'l Qorti?*

24. *S'issa REPUBBLIKA elenkat xejn anqas minn 12-il raguni ta' rikuza. Din hija t-**__13-il wahda__** issa: il-ksur lampanti tal-**__Kodici ta' Etika__** tal-Gudikatura Maltija, senjatament il-**paragrafu 23** tieghu bid-decizjoni ta' cahda ta' rikuza:*

*"Members of the Judiciary shall not preside over a case in which they know there exists any one of the reasons for being challenged as provided for in the Code of Organization and Civil Procedure **__or where there exists a manifest danger or prejudice to fair hearing: in all other cases they are bound not to abstain from their duty.__**"*

*Forsi REPUBBLIKA ha tkun mixlija li qed tghid l-ovvju, imma peress li l-andament tal-affarijiet quddiem il-Magistrat Nadine Lia hadu certu perkors u zvolta, issa anke l-ovvju jehtieg jigi mistqarr.*

*REPUBBLIKA tissottometti li l-**Kodici ta' Etika** tal-Gudikatura Maltija jimponi fuq il-Magistrat Lia **oneru ikbar u usa** mill-Ligi. Anke jekk, ghal grazzi tal-argument **biss** b'xi tigbid fantastiku tal-immaginazzjoni jinghad li ebda wahda mid-disposizzjonijiet tal-Kap..12 dwar rikuzi u dawk tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-artiklu 6 li ma japplikawx f'dan il-kaz, zgur li certament il-Kodici ta' Etika japplika. Inkella x'Kodici jkun? Inkella ghalfejn gie miktub u ippubblikat mill-Gudikatura Maltija? Inkella ghalfejn il-membri tal-Gudikatura jiehdu gurament li josservawh?*

*REPUBBLIKA umilment tfakkar li tali Kodici ta' Etika gie emendat u ippubblikat **wara** s-sentenza seminali tal-Qorti ta' Strasbourg f'**Micallef v Malta (Application no. 17056/06 deciza fl-2008**). F'dik is-sentenza intqalet il-famuza frazi mill-Imhallef Giovanni Bonello "this blissful all-in-the-family jamboree, in lighter moments sometimes called administration of justice."*

*REPUBBLIKA tissottometti li l-elenku tal-fatti, tal-bias, tal-pregudizzju muri mill-Magistrat Dr Nadine Lia fid-digrieti ta' cahdiet ta' rikuza f'dan il-kaz u sija l-isfond tal-fatti antecedenti ghall-kawza (specjalment l-interessi tal-klijenti tal-kunjatu taghha fil-prosekuzzjoni naxxenti mill-Inkjesta Pilatus Bank u minhabba d-difiza koccuta u pubblika taghha waqt attivita tal-klijent tal-kunjatu taghha proprju dwar l-"izball" EGRANT u sija l-messagg li l-kunjatu tal-Magistrat Lia wassal lin-Nutar Robert Aquilina ghan-nom tal-familja Lia proprju minhabba t-talba ta' rikuza) juri bla dubbju li hemm "a manifest danger or prejudice to fair hearing".*

*REPUBBLIKA hija konvinta li meta l-kunjatu tal-Magistrat Dr Nadine Lia mar ifittex lin-Nutar Robert Aquilina fid-29 ta' Lulju 2022 gewwa l-Belt Valletta, rah, qasam it-triq u ghal diversi minuti sfoga r-rabbja tieghu mieghu u qallu "ahna xi darba ghamilnielek xi haga?…Il-familja taghna halliha bi kwietha" ma kien xejn hlief messagg ghan-nom tal-Magistrat Dr Nadine Lia u kien b'reazzjoni ghall-editorjal tal-Malta Independent ta' dak il-jum (https://www.independent.com.mt/articles/2022-07-29/newspaper-leader/TMID-Editorial-Four-months-to-hear-an-urgent-case-efficient-indeed-6736244830) li kien proprju dwar il-fatt li REPUBBLIKA kienet ghadha kemm talbet ir-rikuza tal-Magistrat Dr Lia minhabba l-parentela taghha ma' Dr Pawlu Lia.*

*Iva, REPUBBLIKA temmen li f'dan il-kaz hemm "a blissful all-in-the-family-jamboree" fejn l-interessi tal-kunjatu tal-Magistrat Nadine Lia, tal-klijenti tal-kunjatu taghha, ta' zewgha u taghha jitwahhdu, jinghagnu u jsiru haga wahda.*

*25. Ghalhekk issa fis-27 ta' Ottubru 2022 il-Magistrat Nadine Lia ser tippresjedi s-smigh tal-provi fil-kawza ta' challenge li REPUBBLIKA ressqet fis-27 ta' Gunju 2022, **<u>sakemm</u>** din il-Qorti ma tilqax it-talbiet umli izda **urgenti** li ser taghmel REPUBBLIKA f'dan ir-rikors*

*26. REPUBBLIKA temmen li r-rifjut tal-Magistrat Dr Lia li tirrikuza ruhha (l-istess Magistrat li kienet irrikuzat ruhha milli tippresjedi fuq Inkjesta Magisterjali dwar il-phantom job tal-middleman Melvin Theuma fl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia ghax kienet qalet fid-digriet taghha dakinhar li l-parentela taghha mal-avukat Pawlu Lia ma kienetx tippermetti li l-gustizzja tidher li ha ssir) f'din il-kawza ta' challenge qed jikser u ser ikompli jikser id-drittijiet fondamentali taghha li tidher quddiem Qorti imparzjali, <u>sija soggettivament u sija oggettivament</u>, u fl-istess hin l-artiklu tal-Ligi li jippermetti lill-Gudikant li quddiemu ssir talba ta' rikuza biex tali talba jiddeciediha huwa stess, wahdu u bla ebda appell, qed jikser b'mod sfaccat il-principju tal-gustizzja naturali li ebda imhallef ma ghandu jiddeciedi l-kawza tieghu stess.*

*27. REPUBBLIKA hija konfortata b'dan li qed tghid sija minn diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-implikazzjonijiet tal-principju li nemo iudex in causa propria u li l-Gustizzja trid tidher li qed issir minn Qorti imparzjali, sija minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali taghna u sija minn Ligijiet f'pajjizi moderni ohra, bhall-Italja u diversi Stati fl-iStati Uniti tal-Amerika, fejn decizjoni dwar rikuza: a) ma tittiehidx mill-istess Gudikant imma minn Qorti <u>differenti u separata</u> u b) tkun dejjem soggetta ghal appell. Fil-kaz tal-Kap.12 taghna, d-decizjoni tittiehed mill-istess Magistrat/Imhallef li r-rikuza tieghu qed tintalab u m'hemm ebda appell minn decizjoni ta' cahda ta' rikuza.*

*Kif qatt il-bniedem jista' jkun oggettiv dwaru meta huwa stess s-suggett?*

*28. REPUBBLIKA tissottometti, bhala ezempju wiehed biss qabel ma tibda din il-kawza, li la l-Qorti Kostituzzjonali taghna fl-2018[1] sabet favur it-talba ta' rikuza tal-GWU ghax l-Imhallef kienet tigi semplicement oht senior partner fid-ditta legali li taghha l-avukat li kien qed jippatrocina lill-atturi kien membru (u dan meta hu l-Imhallef sedenti ma kellu **<u>xejn</u>** x'jaqsam mal-kawza quddiem dik l-Imhallef), allura kemm aktar u aktar*

[1] **General Workers Union vs AG et (14.12.2018, Rikors numru 33/2017/1JZM) per Qorti Kostituzzjonali.** F'dik il-kawza, l-Qorti Kostituzzjonali ghal darba darbtejn qalet li la dik il-kawza kienet ta' natura politika, mela allura l-principju li l-gustizzja tidher li qed issir kellu jkun observât b'mod iktar skrupluz. Mela aktar f'din il-kawza ta' challenge ta' REPUBBLIKA l-vertenza hija ta' natura politika!

***f'dan** il-kaz meta l-kunjatu tal-Magistrat Lia kien l-avukat tal-persuni involuti direttament fl-operat tal-Pilatus Bank u li gew indizzjati mill-Magistrat Inkwirenti fl-2021 fuq hasil ta' flus u kien l-avukat li irrediga t-terms of reference tal-Inkjesta EGRANT li r-rikorrenti urew li jafu u ghandhom il-provi iswed fuq l-abjad li hemm ordni mill-Inkjesta Pilatus Bank biex terga' tinfetah mill-gdid fuq trasferiment ta' hlas ta' tixhim ta' $1 miljun?*

*29. Huwa ghalhekk li REPUBBLIKA giet kostretta tintavola dan ir-rikors kostituzzjonali b'certu **<u>urgenza</u>** ghax huwa l-unika rimedju li hija ghandha biex tara li d-dritt taghha li tidher u li l-kawza taghha tinstema' u tkun deciza minn Qorti tassew imparzjali gie miksur, qed jigi miksur u ser jibqa' jigi miksur dment u sakemm il-Magistrat Dr Lia tibqa' tippersisti li tichad it-talba ta' rikuza li qed tressaq REPUBBLIKA u dment u sakemm il-Kap.12 jibqa' jippermetti li r-rikuza trid tigi deciza mill-istess Magistrat jew Imhallef li r-rikuza tieghu/taghha tintalab u bla ebda forum ta' appell ghal REPUBBLIKA minn tali decizjoni ta' cahda ta' rikuza.*

*30. Finalment, REPUBBLIKA umilment taghmel referenza ghal dan l-artiklu <u>https://www.apa.org/monitor/2010/02/jn</u> tal-**Amerikcan Psychological Association** tal-2010, fejn wara s-sentenza seminali tal-Qorti Suprema Amerikana ta' Gunju 2009 fl-ismijiet **Caperton v. A.T. Massey Coal Co. Inc. (129 S.Ct. 2252)**, fejn fih inkiteb hekk:*

*"**Caperton** raises a number of interesting questions for psychologists.*

*First, **<u>it highlights the limitations inherent in judging one's own biases</u>**.*

*Psychologists have shown that individuals experience an illusion of objectivity:*

*People believe they are objective (Pyszczynski and Greenberg, 1987), see themselves as more ethical and fair than others (Messick et al., 1985), and experience a "bias blind spot," the tendency to see bias in others but not in themselves (Pronin et al., 2004). As noted by Judge Richard A. Posner in his book "How Judges Think" (Harvard University Press, 2008), "We use introspection to acquit ourselves of accusations of bias, while using realistic notions of human behavior to identify bias in others." These tendencies make it difficult for judges to identify their own biases. Similar problems arise when judges rely on jurors to evaluate whether they can set*

*aside their biases and judge a case on its merits (Rose and Diamond, 2008).*

*Second, the Supreme Court in* ***Caperton*** *did not inquire into whether Benjamin was biased.*

*The court said, "Due process 'may sometimes bar trial judges who have no actual bias and who would do their very best to weigh the scales of justice equally between contending parties.'" Instead,* ***<u>it is the appearance of justice that matters</u>****."*

Rat **ir-Risposta** tal-Avukat tal-Istat ppreżentata fl-4 ta' Ottubru 2022, minn fejn jirriżulta illi l-intimati jgħidu:

1. *Illi preliminarjament, jonqos l-interess ġuridiku u victim status tal-għaqda rikorrenti sabiex tippromwovi din il-proċedura, b'dan illi konsegwentement ma jistax ikun li ġew leżi jew ser jiġu leżi drittijiet fundamentali kif pretiżi mir-rikorrenti;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-premess, la l-***Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni*** *u lanqas l-***Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja*** *ma huma applikabbli għall-każ de quo agitur – ir-rikorrenti mhix akkużata b'reat u lanqas ma huma se jiġu determinati drittijiet ċivili tagħha;*

3. *Illi in vena preliminari wkoll, ikun għaqli li l-Kummissarju tal-Pulizija jkun imsejjaħ f'din l-azzjoni f'ġieħ l-integrita` tal-ġudizzju ġjaladarba kwalunkwe deċiżjoni li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tieħu ser tolqot lill-imsemmi Kummissarju tal-Pulizija fl-eżitu tal-proċeduri ta' Sfida;*

4. *Illi għandu jirriżulta ċar minn sempliċi qari tar-rikors promotur li dak li qed tittenta tagħmel ir-rikorrenti m'huwa xejn għajr eżerċizzju ta' forum shopping, li m'għandux jiġi tollerat ġjaladarba huwa abbuż tal-iter ġudizzjarju. Huwa b'dispjaċir li l-esponenti jinnota li fil-mori ta' din il-kawża, il-kwistjoni imqanqla mir-rikorrenti eskalat bla bżonn f'attakk personali kontra l-istess ġudikant, u li saħansitra (oltre għall-proċeduri odjerni) ir-rikorrenti rrappurtat lill-Maġistrat Lia quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. B'hekk, ir-rikorrenti qed turi li jekk ma tgħaddix mill-bieb se tgħaddi mit-tieqa – atitudni li m'għandhiex tkun tollerata, u li effettivament tikkostitwixxi attakk sfrenat fuq il-ġudikatura.*

*Illi hawnhekk tajjeb li jiġi mfakkar ukoll li fil-mori tal-proċeduri ta' Sfida in kwistjoni u fl-eqqel tal-propaganda medjatika kontra l-Maġistrat Lia*[2]*, il-Maġistrat Lia ġiet mhedda* ***anonimament***[3] *sabiex twarrab milli tisma' u tiddeċiedi proprju dawk il-proċeduri. Din it-theddida ċarament hija intiża sabiex tinfluwixxi fuq is-serenita` li biha ġudikant għandu jitħalla jaqdi l-funzjoni delikata tiegħu – attentat deplorevoli li m'għandu qatt jiġi permess f'pajjiż demokratiku li jħaddan il-prinċipji tal-ġustizzja u tas-saltna tad-dritt;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti għandha twarrab u tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tar-raġunijiet ġodda li jissemmew fil-paragrafi 23 u 24 tar-rikors promotur ġjaladarba dawn ir-raġunijiet qatt ma tressqu għall-għarbiel quddiem il-Maġistrat Lia bħala bażi għar-rikuża tagħha – Dan m'huwa xejn għajr abbuż flagranti tal-proċeduri odjerni.*

   *Illi fi kwalunkwe każ, u jekk għall-grazzja tal-argument biss din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li xorta waħda għandha tikkunsidra dawn ir-raġunijiet ġodda, dawn l-imsemmija raġunijiet (oltre għall-bqija tar-raġunijiet imsemmija fir-rikors promotur) huma mifnija b'ħemel ta' supposizzjonijiet imġebbda, asserzjonijiet fl-astratt u konklużjonijiet gratwiti li bl-ebda mod ma jistgħu ikunu ammessi bħala raġunijiet validi għar-rikuża tal-Maġistrat Nadine Lia;*

6. *Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess għaqda rikorrenti;*

7. *Illi l-indipendenza u l-imparzjalita` ta' ġudikant hija preżunta salv għal prova kuntrarja. Ladarba persuna tinħatar bħala ġudikant, dik il-persuna tibqa' preżunta bħala imparzjali, u li sejra taġixxi b'imparzjalita` dejjem. Tant hu hekk illi skont l-**artikolu 101 tal-Kostituzzjoni**, Imħallef m'għandux jidħol għad-dmirijiet tal-kariga tiegħu sakemm ma jkunx ħa u ffirma l-ġurament ta' lealta`;*

8. *Illi magħdud ma' dan, l-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni tal-ġudikant huwa msejjes fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu jitressaq każ*

---

[2] Ara l-*link* tal-*video* promozzjonali mxerred mill-għaqda rikorrenti sabiex jgħin fit-trawwim tan-narrattiva li l-Maġistrat Nadine Lia mhix idonea sabiex tisma u tiddeċiedi l-proċeduri ta' Sfida li għandha quddiemha:
https://www.youtube.com/watch?v=itsmw0Wq45c (*Link* meħud minn fuq il-*Youtube page* tal-għaqda rikorrenti);

[3] L-esponent qiegħed formalment jabbraċċja l-istqarrija tal-Kamra tal-Avukati fejn ikkundannat mingħajr riżervi t-theddid indirizzat lejn il-Maġistrati Nadine Lia fil-kors tal-qadi ta' dmirijietha:
https://www.avukati.org/2022/09/16/statement-by-the-chamber-of-advocates-4/;

*huwa imparzjali u li huwa d-dmir tiegħu (mhux sempliċi privileġġ jew favur) li jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu;*

9. *Illi għalhekk huwa l-oneru tar-rikorrenti li tipprova kwalunkwe allegazzjoni ta' parzjalita` oġġettiva u/jew suġġettiva, liema prova trid tkun fil-konkret u mhux fl-astratt, u l-fattur li għandu jagħti lok għal dubbju leġittimu dwar l-imparzjalita` tal-ġudikant għandu jkun wieħed gravi;*

10. *Illi l-lanjanza kostituzzjonali li għandna quddiemna tirrigwarda **<u>proċedura ta' Sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija</u>** li ġiet assenjata lill-Onorevoli Maġistrat Nadine Lia. Kwalunkwe relazzjoni u/jew parentela li l-Maġistrat Lia jista' jkollha ma' membri tal-Avukatura ma timpinġi bl-ebda mod fuq dawn il-proċeduri ta' Sfida taħt eżami. <u>Il-proċedura ta' Sfida mhux intiża sabiex tiftaħ indaġini lil hinn mir-rapport, denunzja jew kwerela</u>. Il-persuni kollha msemmija fir-rikors promotur ma jirrafigurawx f'din il-proċedura ta' Sfida li hija biss bejn ir-rikorrenti, u l-Kummissarju tal-Pulizija. Anke għal din ir-raġuni, il-Maġistrat Nadine Lia kellha raġun tiċħad it-talbiet għar-rikuża tagħha, li fl-umli fehma tal-esponent l-imsemmija talbiet kienu intempestivi u irriti. Sempliċiment għaliex talba għal rikuża tkun miċħuda, ma jfissirx li b'daqshekk il-ġudikant ikun parzjali u/jew ikun qed juri "ċertu akkaniment mhux normali, stramb u perikoluż";*

11. *Illi magħdud ma' dan, l-investigazzjoni ġudizzjarja li għandha tintraprendi l-Maġistrat fil-proċedura ta' Sfida hija waħda purament ta' stħarriġ ġudizzjarju. Din il-proċedura hija limitata esklussivament dwar jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandux ġustifikazzjoni aċċettabli legalment talli għadu ma ressaqx lill-persuni indikati mir-rikorrenti fl-iSfida, jew jekk għandhiex raġun ir-rikorrenti tilmenta dwar il-fatt li dawk il-persuni għadhom ma tressqux quddiem Qorti, u <u>xejn iktar</u>. Għalhekk il-garanziji li għalihom jaħsbu l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** mhumiex applikabbli għal proċeduri ta' Sfida, bħalma wara kollox m'humiex applikabbli għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja u quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti;*

12. *Illi effettivament, meta wieħed iħares lejn l-**Artikolu 368(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta** flimkien mal-**Artikolu 734(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**, ma jikkonkorrux l-elementi skond il-Liġi sabiex il-Maġistrat tkun rikużata;*

13. *Illi magħdud ma' dan, fir-rigward ta**l-ewwel talba**, u bil-konsapevolezza wkoll li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijet tal-Bniedem wessgħet meta għandha ssir rikuża ta' ġudikant, xorta waħda ma għandha tirriżulta ebda leżjoni ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti imbilli l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia, ċaħdet tlett talbiet għar-rikuża tagħha;*

14. *Illi huwa ċar illi l-għan ta' din il-kawża huwa li jkun hemm forma t'appell mid-Digrieti tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, li huwa irritu u m'għandux ikun permess;*

15. *Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din it-talba hija wkoll <u>intempestiva u bikrija</u> ġjaladarba sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm effettivament smiegħ xieraq, jeħtieg li l-procedura ta' Sfida titqies fl-intier tagħha u fl-umli fehma tal-esponent, il-fatt li talbiet għal rikuża ġew miċħuda mhux fatt gravi biżżejjed sabiex jiġi imputat nuqqas ta' smiegħ xieraq minn stadju daqshekk bikri, meta l-kawża ta' sfida lanqas għadha biss bdiet;*

16. *Illi fir-rigward tat-**tieni talba**, mhux minnu illi l-**Artikolu 738(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bil-mod kif impostat fit-talba, ossia li "jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforizma nemo iudex in causa propria". Il-prinċipju hawn imsemmi jiggarantixxi li l-ġudikant m'għandux jippresjedi kawża illi jkollu interess fl-eżitu tagħha. Fil-proċeduri ta' Sifda taħt eżami, għandu joħroġ bid-dieher illi l-Maġistrat illi qed tippresjedi din il-proċedura ta' sfida m'għandha l-ebda interess personali fl-eżitu tagħha, la dirett u lanqas indirett. Id-digrieti li tat il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tat-talbiet għar-rikuża kienu ta' natura proċedurali li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-mertu tal-kawża pendenti quddiem l-istess Qorti;*

    *Illi b'żieda ma' dan, safejn ir-rikorrenti tilmenta li ma kellhiex dritt għal appell mid-digriet dwar it-talbiet għar-rikuża tal-ġudikant, hija ġurisprudenza stabbilita, anki mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, illi d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix illi jkun hemm appell minn kwalunkwe deċiżjoni jew digriet ta' Qorti;*

17. *Illi apparti minn hekk, għalkemm ir-rikorrenti ma kellhiex dritt tappella id-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati, ir-rikorrenti kellha xorta waħda l-opportunità illi titlob lill-Qorti sabiex tirrikonsidra d-digrieti tagħha, u dan ai termini tal**-artikolu 229(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għaldaqstant, ġialadarba huma ma wżawx ir-rimedji disponibbli għalihom, jiġi illi huma aċċettaw l-istess provvedimenti, biex b'hekk ma jistgħux issa jilmentaw dwarhom;*

18. *Illi fir-rigward tat-**tielet talba**, m'hemmx l-elementi u r-rekwiżiti meħtieġa sabiex din it-talba tintlaqa'. Din it-talba se tiġi ttrattata separatament, kif ordnat diga` dina l-Onorabbli Qorti fid-Digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 2022;*

19. *Illi fir-rigward tar-**raba', il-ħames u s-sitt talba** tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda stante li huma konsegwenzjali għall-ewwel żewg talbiet, li kif diġa` eċċepit, għandhom jiġu miċħuda;*

20. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel u/jew it-tieni talba, u għalhekk tikkunsidra r-raba', l-ħames u s-sitt talba, jiġi eċċepit illi r-rimedju għal-lanjanza tar-rikorrenti jkun effettivament dak kontenut fir-raba` talba, u għaldaqstant ma jkunx hemm lok li r-rikorrenti tingħata rimedju ieħor;*

21. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjeż.*

Rat id-Digriet taghha tat-12 ta' Settembru 2022 u kif ukoll dak tal-15 ta' Settembru 2022, minn fejn jirrizulta illi fl-ewwel seduta "*l-partijiet kienu mitluba illi jittrattaw biss it-tielet talba kif promossa bil-ghan illi wara dik l-udjenza tinghata decizjoni in parte dwar l-istess*".

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2022, minn fejn jirrizulta illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti iddefferiet il-kawza ghal-llum sabiex tinghata din id-decizjoni, imma ukoll, u bi qbil mal-istess difensuri tal-partijiet, gew iffissati zewg seduti, wahda ghas-26 ta' Ottubru 2022 fis-1:30pm ghall-provi tar-rikorrent u l-ohra fit-8 ta' Novembru 2022 fis-2:00pm ghall-provi tal-intimat, bl-intendiment car illi wara l-ahhar seduta miftehma, il-Qorti takkorda zmien lill-partijiet ghall-prezentata ta' noti ta' sottmissjonijiet "*bil-ghan illi l-Qorti tghaddi ghad-decizjoni minghajr dewmien*".

Semghet ix-xhiedha ta' Dr Robert Aquilina moghtija fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2022.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw it-tielet talba mressqa mir-rikorrenti u rat illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2022, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-ghoti ta' din id-decizjoni in parte.

Rat id-dokumenti kollha esebiti miz-zewg partijiet u rat l-atti kollha l-ohra.

**Ikkunsidrat**

Illi jirriżulta illi permezz tat-tielet talba magħmula fir-rikors promotur hawnekk trattata, ir-rikorrent qed jitlob lil dina l-Qorti sabiex, *preventivament joghgobha tordna li* ***jew***

***a)*** *li dan ir-rikors kostituzzjonali jkun deciz b'mod urgenti u immedjat* ***qabel*** *is-27 t'Ottubru 2022 stante li l-Magistrat Nadine Lia appuntat id-data tas-27 t'Ottubru 2022 biex dakinhar tibda tisma' l-isfida li ressqet REPUBBLIKA,*

***jew alternattivament***

***b)*** *joghgobha tohrog b'urgenza ordni interim lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza msemmija REPUBBLIKA vs Kummissarju tal-Pulizija sabiex izzomm u twaqqaf lil Magistrat Dr Nadine Lia milli izzomm seduti jew taghti ordnijiet in konnessjoni ma' din il-kawza ta' challenge li REPUBBLIKA ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Gunju 2022 skond l-art.541 tal-Kap.9, peress li altrimenti jigi fix-xejn l-iskop ta' dan ir-rikors kostituzzjonali u allura konsegwentement taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji sabiex ma thalliex li d-dritt fondamentali ghal smigh xieraq li REPUBBLIKA ghandha, jibqa' jinkiser u ma jigix miksur;*

Illi t-talba odjerna hija waħda sabiex din l-Qorti toħroġ ordni ta' natura temporanja/*interim measure*. Ir-rikorrenti mpostaw it-talba taghhom b'mod illi qed jintalbu zewg rimedji alternattivi ghal xulxin.

Fir-rigward tal-ewwel alternattiva indikata, cioe` illi *dan ir-rikors kostituzzjonali jkun deciz b'mod urgenti u immedjat* ***qabel*** *is-27 t'Ottubru 2022 stante li l-Magistrat Nadine Lia appuntat id-data tas-27 t'Ottubru 2022 biex dakinhar tibda' tisma' l-isfida li ressqet REPUBBLIKA,* din il-Qorti tqis illi peress illi bi qbil bejn il-partijiet, gie skedat il-programm ta' smigh ta' provi u l-kif din il-kawza ser tigi kondotta u titmexxa, u f'dan is-sens, **bi qbil**, gew ffissati zewg seduti ghall-provi, liema seduti t-tnejn ghandhom jinzammu wara s-27 ta' Ottubru 2022, allura l-Qorti ghandha ghaliex tifhem illi r-rikorrenti stess ma nsistewx dwarha, altrimenti ma kienx ikun hemm qbil ghas-smigh tal-provi wara s-seduta ffissata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex tichad l-alternattiva mmarkata (a) fit-tielet talba mressqa.

Jibqa' ghalhekk illi jigi mistharreg jekk il-Qorti ghandiex takkolji it-tieni parti tat-tielet talba, jew ahjar it-tieni alternattiva hemmek mressqa, fis-sens illi din il-Qorti *joghgobha tohrog b'urgenza ordni interim lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza msemmija REPUBBLIKA vs Kummissarju tal-Pulizija sabiex izzomm u twaqqaf lil Magistrat Dr Nadine Lia milli izzomm seduti jew taghti ordnijiet in konnessjoni ma' din il-kawza ta' challenge li REPUBBLIKA ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Gunju 2022 skond l-art.541 tal-Kap.9, peress li altrimenti jigi fix-xejn l-iskop ta' dan ir-rikors kostituzzjonali u allura konsegwentement taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji sabiex ma thalliex li d-dritt fondamentali ghal smigh xieraq li REPUBBLIKA ghandha, jibqa' jinkiser u ma jigix miksur.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet fir-rigward ta' din it-talba, l-assocjazzjoni rikorrenti REPUBBLIKA ressqet xi dokumenti permezz ta' nota u ressqet lill-President taghha Dr Robert Aquilina sabiex jixhed, kif fil-fatt ghamel fl-ewwel seduta mizmuma nhar is-7 ta' Ottubru 2022.

Minn naha tieghu, l-Avukat tal-Istat intimat ressaq bi prova fir-rigward tal-istess tielet talba kopja tal-proceduri ta' sfida li qeghdin jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u liema proceduri huma fil-fatt il-mertu tal-azzjoni odjerna.

Mix-**xhieda ta' Dr Robert Aquilina**, jirrizulta illi Repubblika thoss illi jekk is-seħħ is-seduta ta' 27 t'Ottubru *"aħna jkollna dannu li jkun rrimedjabli u qegħdin ngħidu dan għaliex qed inħossu illi is-sinjorija tagħha l-Maġistrat Lia qegħda taġixxi b'mod illi tgħaddi romblu fuq id-drittijiet fondamentali tagħna u ħa nsemmi għalfejn inħoss illi dan huwa il-każ*".

Jispjega b'referenza ghal seduta mizmuma quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi "*x'ħin morna aħna konnha msejjħin għad-9:35, stennejna xi siegħa, f'ħin minnhom kelna noħroġu bħal kulħadd, erġajna dħalna. F'mument minnhom isejħet il-kawża tagħna, in-numru 20, aħna bqajna meraviljati li din kull ma damet qisu 40 sekonda, inqas minn minuta, aċċellarazzjoni kbira ħafna u konnha miftemin ovjament mal-Avukat tagħna Dr. Azzopardi illi xtaqna nivverbalizzaw il-pożizzjoni tagħna rigward ta' dik l-ittra, xtaqna nikundanawa u*

*xtaqna ngħidu affarijiet oħra, xtaqna wkoll nitolbu r-rikuża seduta stante però l-Maġistrat Lia dan ma"*

Izid ighid illi "*Il-Maġistrat Lia ħarġet evantwalment digriet biex tirreaġixxi għal dik in-nota tagħna u f'dik in-nota rajna affarijiet li assolutament ma jirriflettux il-verita'. Issa jiena ma nieħux pjaċir ngħid dan il-kliem għax jiena mdorri nirrispetta lil awtorita' però ma nistax ma nsejħilomx li huma gideb, għaliex huma l-oppost ta' dak li ġara għax jiena rajt b'għajneja lid-Dr.Azzopardi għal darba darbtejn jgħolli jdejh biex jitlob illi jitkellem. Il-Maġistrat Lia qalet illi aħna ma tlabnix illi nitkelmu, qalet li x'ħin reġgħet lura fl-Awla ma kien hemm ħadt minnha waqt li jiena kont hemm hekk, domt xi 20 minuta, erġajt fl-Awla, hija ratni għax ħarset lejja u ġifieri dak li qalet m'huwiex minnu*".

Jiddiskriva dan bhala animozita` u l-pregudizzju illi r-rikorrenti qed ihoss u allura ighid illi l-*interim measure* qed tintalab sabiex inkunu salvagwardjati minn periklu imminenti u dannu irrimedjabbli. Mistoqsi mill-Qorti ighid f'liema kuntest qed ighid dan, huwa ighid illi per ezempju jekk jigi mitlub jikxef is-sors ta' l-informazzjoni li ghandu u hu jaghzel li dan ma jaghmlux, allura jista' anke jsofri konsegwenzi irrimedjabbli, filwaqt illi jsostni illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhux ser ikun pregudikat jekk tintlaqa' l-*interim measure*.

In kontro-ezami ighid illi l-preguddizju irrimedjabbli li r-rikorrenti tista' ssofri huwa marbut mal-fatt illi ma jridux id-drittijiet taghhom jinkissru, iridu *fair hearing* u li bid-decizjonijiet u l-attitudnijiet li hemm ma ghandhom ebda serhan il-mohh ta' dan.

L-intimat **Avukat tal-Istat** ressaq bhala prova kopja tal-proceduri ta' sfida illi jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li fir-rigward taghhom qed issir it-talba odjerna.

Minn dawn l-atti jirrizulta is-segwenti kronologija tal-fatti fir-rigward ta' dak li gara sa issa fil-proceduri ta' sfida quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Illi fl-24 ta' Gunju 2022, Dr Robert Aquilina bhala president tal-organizazzjoni rikorrenti ressaq rikors a tenur tal-artiklu 541(1) tal-Kodici Kriminali u talab lil dik il-Qorti sabiex "*wara li tisma' l-provi tar-rikorrent u lill-Kummissarju tal-Pulizija, u issib illi hemm prima facie lok ghal denunzja, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex imexxi l-proceduri mehtiega u dan salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fil-gudizzju ghaqli taghha*";

Illi fis-27 ta' Gunju 2022, il-Qorti tat l-ewwel digriet inizjali taghha u ordnat illi r-rikors jigi guramentat filwaqt illi talbet lir-rikorrenti jobbligaw ruhom taht penali ta' somma determinata, li jixdhu jew jaghtu l-provi kollha li ghandhom f'idejhom u li bihom l-imputati jkunu jistghu jinstabu hatja skond il-ligi.

Illi l-ghada, fit-28 ta' Gunju 2022, saret l-obbligazzjoni kif rikjest fid-digriet ta' lejliet.

Illi fl-1 ta' Lulju 2022, il-Kummissjaru tal-Pulizija hemmek intimat ressaq ir-risposta tieghu, fejn ghar-ragunijiet hemmek indikati talab illi t-talba ta' REPUBBLIKA tigi michuda.

Illi fit-18 ta' Lulju 2022, REPUBBLIKA pprezentat rikors li permezz tieghu gharrfet lill-Qorti illi hija kienet ser titlob ir-rikuza tal-Magistrat sedenti ghal ragunijiet hemmek msemmija u talbet illi l-kawza tigi rikjamata ghal data aktar vicina minn dik tas-27 ta' Ottubru 2022, meta l-kaz gie appuntat. Il-Kummissarju intimat permezz ta' risposta tal-25 ta' Lulju 2022 irrimetta ruhu. Il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti fis-27 ta' Lulju 2022.

Illi fit-28 ta' Lulju 2022, REPUBBLIKA ressqet rikors sabiex il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tirrevoka *contrario imperio* dak id-digriet ghar-ragunijiet hemmek elenkati. Ghal ragunijiet teknici fis-sens illi l-Qorti qalet illi r-rikors kien nieqes mill-okkju u b'hekk difettuz, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba.

Illi fit-3 ta' Awissu 2022, REPUBBLIKA ressqet rikors iehor bhal dak ta' qablu u din id-darba indikat l-okkju tal-kawza. Il-Oorti cahdet it-talba b'digriet tal-4 ta' Awissu 2022 peress illi ddikjarat illi kienet qeghda zzomm ferm ma' dak minnha qabel deciz u r-rikorrenti seta' jipprocedi b'rikors fil-mori dak li qed jinsisti illi jaghmel seduta stante, u ordnat lir-rikorrent jaghmel dan fi zmien hamest'ijiem jekk iqis opportun.

Illi fil-5 ta' Awissu 2022, REPUBBLIKA resqet rikors iehor ghal direzzjoni peress illi allegat illi filwaqt illi nghatat hamest'ijiem biex tressaq rikors bit-talba ghar-rikuza, b'dana kollu l-Artikolu 737 tal-KAP 12 kien ighid illi "*l-eccezzjoni ta' rikuza ta' Mhallef ghandha tinghata mill-partijiet fil-qorti bil-miftuh, u ghandhom jinghadu r-ragunijiet kollha, u, meta mehtieg, ghandhom ukoll ikunu ppruvati*". Il-Qorti, b'digriet tal-5 ta' Awissu 2022 stess, cahdet it-talba ghal darb'ohra ghal raguni teknika, cioe`, ghaliex ir-rikors kien nieqes mill-okkju tal-kawza.

Illi fit-8 ta' Awissu 2022, REPUBBLIKA regghet ressqet l-istess rikors u din id-darba indikat l-okkju tal-kawza. Il-Qorti, b'digriet tat-8 ta' Awissu 2022 stess, cahdet it-

talba filwaqt illi zammet ma' dak kollu li kienet gja ddecidiet, tat ir-ragunijiet ghal dan sostnut anke b'sentenzi tal-Qrati taghna u konfortata bl-artikolu 368 tal-KAP 9, li wassal lill-Qorti biex terga' tordna lir-rikorrenti jintavolaw rikors jekk iridu jitolbu r-rikuza tal-gudikant, l-importanti jkun illi t-talba tkun cara u specifika.

Illi l-ghada 9 ta' Awissu 2022, REPUBBLIKA ressqet ir-rikors kif il-Qorti kienet idderigiet u l-Qorti ddegretat fl-10 ta' Awissu 2022 billi talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex fi zmien 10 t'ijiem ighid jekk u kif Repubblika kellha f'idejha kopja tal-Inkjesta Magisterjali (ta' l'hekk msejjha ta' Pilatus Bank), u jekk jirrizulta fl-affermattiv, jekk qatx kien hemm awtorizazzjoni ghal dan jew li l-inkjesta tigi mxandra jew pubblikata fid-dominju pubbliku. Irrizervat illi tipprovdi ulterjorment fi stadju ulterjuri.

Illi fit-18 ta' Awissu 2022 irrisponda l-Kummissarju tal-Pulizija billi qal illi l-inkjesta qatt ma nghatat pubblicita` u qatt ma kien hemm l-awtorizazzjoni illi xi hadd minn Repubblika jkollu kopja jew parti minnha.

Illi fit-22 ta' Awissu 2022, il-Qorti iddegretat billi ghamlet l-istess talbet lill-ufficcju tal-Avukat Generali, u fl-24 ta' Awissu 2022, l-Ufficcju tal-Avukat Generali irrisponda similarment ghall-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi dan wassal biex fid-29 ta' Awissu 2022, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) taghti digriet finali ghar-rikors ta' REPUBBLIKA tad-9 ta' Awissu 2022, u cahdet it-talba sabiex tastjeni peress illi ma tressqux ragunijiet sufficjenti in sostenn tat-talba mressqa, u ordnat illi fl-ewwel seduta isiru s-sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-applikabilita' tal-artikolu 541 tal-KAP 9.

Illi fl-1 ta' Settembru 2022, REPUBBLIKA ressqu rikors guramentat fejn reggghet talbet ir-rikuza tal-Magistrat sedenti ghar-ragunijiet hemmek elenkati u talbet illi ghall-ewwel seduta jitharrek l-Avukat Paul Lia, liema rikors gie muchud ghar-ragunijiet hemmek moghtija fis-6 ta' Settembru 2022.

Illi fil-15 ta' Settembru 2022, il-Qorti zammet seduta u fiha, ai temrini tal-Artikolu 10(1)(2) tal-KAP 12, gharrfet lill-partijiet illi jumejn qabel, il-Magistrat sedenti kienet irceviet korrispondenza anonima relatata ma' dawn il-proceduri, u l-kaz gie differit ghas-27 ta' Ottubru 2022. Dak in-nhar stess REPPUBBLIKA ressqet nota guramentata minn Dr Jason Azzopardi u Dr Robert Aquilina illi kopja taghha giet anke inserita f'dawn l-atti.

Illi fit-22 ta' Settembru 2022, il-Qorti tat digriet b'reazzjoni ghan-nota guramentata msemmija biex fi kliem il-Qorti, "*kwalunkwe dikjarazzjonijiet li saru fin-nota tal-15 ta' Settembru 2022 dwar hwejjeg li graw fl-udjenza ikunu kjarifikati fis-shih*". B'reazzjoni ghal dan id-digriet, REPUBBLIKA ressqet tlett affidavits b'nota tat-23 ta' Settembru 2022, b'xi dokumenti, fosthom rapporti fil-mezzi tax-xandir dwar dak li sehh waqt is-seduta tal-15 ta' Settembru 2022 li REPUBBLIKA tghid jichdu dak li qalet il-Qorti u jikkonfermaw il-verzjoni taghhom.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-abbli difensuri tal-partijiet ttrattaw estensivament dwar din it-tielet talba fir-rikors promotur, u in succint, il-Qorti tislet is-segwenti:

Ir-<u>Rikorrent REPUBBLIKA</u> sostniet fis-sottomissjonijiet minnha maghmula illi hemm differenza bejn *interim measure* mitlub quddiem il-Qorti lokali u dak mitlub quddiem il-Qorti Ewropeja, fi kliem l-abbli difensur, ghaliex lokalment dan jintalab ghaliex ikun inkiser, qed jinkiser jew x'aktarx illi jinkiser dritt fondamentali, filwaqt illi quddiem il-Qorti Ewropeja, huwa wisq probabbli illi l-ksur ikun gja sar ghaliex il-proceduri fi Straburgu jkunu saru wara li jkun gie ezawrit il-process lokalment.

Dwar l-*intermin measure* fil-kuntest ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, REPUBBLIKA taghmel referenza ghall-kaz **Reczkowicz vs Poland** (App 42447/19) minn fejn jirrizulta illi l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem fil-fatt akkordat *interim measure* fi proceduri pendenti dwar l-Artikolu msemmi. Jaghmel ukoll referenza ghad-digriet tad-9 ta' Gunju 2016 fl-atti tal-kaz 50/2016/1JRM fil-kaz **Rosette Thake vs Onor. Prim Ministru**.

Isostni illi REPUBBLIKA ma ghandha ebda garanziji illi meta jitkomplew il-proceduri ta' sfida quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma jsir xejn bi pregudizzju ghaliha, u li l-istorja tal-kaz in kwistjoni sal-llum, ma toffri ebda garanzija jew serhan il-mohh.

Ir-rikorrenti sostna illi hemm bias da parti tal-Magistrat sedenti u jsostni illi kien hazin hafna illi l-Qorti hemmek iddegretat billi semmiet affarijiet illi ma grawx fl-Awla. Jghid illi wara illi sar dan, saru affidavits sabiex imeru dak li kienet ippronunzjat il-Qorti, u l-Magistrat sedenti ma ordnat l-ebda proceduri legali jew investigazzjoni fuq gurament falz ta' min ressaq dawn l-affidavits.

Jirreferi ghal erba' digrieti tal-istess Magistrat sedenti illi dehrilha opportun illi kellha tastjeni u/jew tirrikuza ruha fi proceduri illi kellha quddiemha;

(a) **Pulizija vs Paul Bailey** fejn il-Magistrat sedenti (l-istess Magistrat), astjeniet peress illi kellha konoxxenza ta' wiehed mill-imputati u martu u ghaliex kienet taf socjalment wiehed mill-imputati u l-mara tieghu;

(b) **Pulizija vs Yurgen Fenech**, fejn l-istess Magistrat sedenti rrikuzat ruha ghaliex l-*parte civili* tenniet illi ufficjali mill-Ufficju tal-Prim Ministru li jistghu huma involuti, kienu jew huma assistiti minn Avukat relatat biz-zwieg maghha u hemmek il-Magistrat sedenti qalet illi dan jista' jaghti lok ghal preokkupazzjoni jew dubbji li gratwiti kemm jistghu jkunu, ma jaghtux dawk il-garanziji sufficjenti tas-sodisfazzjoni tat-test spjegat.

(c) Fil-kaz tal-impjieg fantazma ta' **Melvin Thuema**, u meta kienet ser tibda' l-inkesjta, il-Magistrat sedenti fis-16 ta' Dicembru 2019 ddegretat illi minhabba parentala taghha ma' Avukat li minn zmien ghal zmien assista persuni b'karigi politici fix-xoghol legali tieghu, hija astjeniet.

(d) Id-digriet moghti mill-istess Magistrat sedenti fil-25 ta' Marzu 2021, meta tressqu tlett persuni akkuzati bil-**qtil ta' Dr Carmel Chircop**, fejn hija regghet irrikuzat ruha minhabba parentela ma' Avukat li minn zmien ghal zmien assista nies fil-politika, imma l-Qorti qieset illi r-responsabbilita' f'kaz sensittiv bhal dan ghandu jitmexxa bl-akbar serenita` bla ebda dubbju u dejjem fl-ahjar interess tal-gustizzja.

L-ghaqda intimata ghamlet ukoll referenza ghad-digriet fil-kawza **GWU vs Avukat Generali et** minn fejn jirrizulta illi l-Qorti laqghet it-talba ghar-rikuza peress illi kien hemm rabta ta' l-familjareta` bejn l-Imħallef sedenti u d-ditta tal-Avukati li kienu qed jidhru ghar-rikorrent u li setghet tolqot ħażin id-dehera tal-imparzjalita` soġġettiva tal-istess Imħallef. Il-Qorti Kostutzzjonali qalet illi d-dubju m'huwiex wieħed li ma jitqisx oġġettivament ġustifikat ukoll jekk dak id-dubju ma jolqotx l-imparzjalita` soġġettiva tal-Imħallef.

Id-difensur tar-rikorrenti sostna illi l-inkjesta tal-Pilatus sabet li għandha terġa' tinfetaħ l-inkjesta Egrant li kien fetaħ il-kunjatu tas-sinjura Maġistrat sedenti, illi ordnat li jittieħdu passi kriminali kontra ex-klijenti tiegħu u s-sinjura Maġistrat sedenti, illi astjenit għax taf soċjalment il-mara tal-imputat fil-kawza Paqpaqli, irrifjutat għal tliet darbiet u illi tirrikuża ruħha hawnekk.

Saru referenzi ghall-kazijiet quddiem il-Qorti ta' Strasburgu **Buscemi kontra l-Italja, Moreira kontra l-Portugal** u **De Cubber kontra l-Belgium**.

Id-difensur tar-rikorrenti ssottometta illi r-rikorrent ma ghandu ebda garanzija, mill-mod kif zvolgew l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrata (Malta) fil-kaz studjat, illi l-Magistrat sedenti taqbad u tghaddi ghad-decizjoni minghajr ma tisma' dak li ghandhom xi jghidu jew il-provi illi ghandhom xi jressqu. Ukoll, semma' l-biza tar-rikorrent illi jista' jintbaghat il-habs jekk ikun hemm xi ordni biex jizvela minn fejn gab l-informazzjoni – haga illi huwa ma jridx illi jaghmel.

Jissottmetti finalment illi REPUBBLIKA ghandha konvinzjoni illi l-Magistrat hemmek sedenti ikkomunikat mal-kunjatu taghha, u dan ighidu peress illi f'digriet minnnhom, il-Magistrat tghid illi l-kunjatu taghha qatt ma ppatrocina lid-direttur ta' Pilatus, meta la REPUBBLIKA u lanqas il-Kummissarju qatt ma qalu dan. Isaqsi ghalhekk, kif saret taf il-Magistrat dwar dan?

Minn naha tieghu, l-<u>Avukat tal-Istat</u> isostni illi l-ewwel parti tat-talba mhix prattika u ghalhekk ttratta aktar estensivament it-tieni opzjoni mressqa fit-tielet talba, ossia it-talba ghal *interim measure* billi jigi ordnat illi jitwaqqfu b'mod momentarju il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Isostni illi sabiex jintlaqa` *interim measure* irid jintwera b'mod kumulattiv il-prima facie li jedd fondimentali tal-bniedem sejjer jew jista' jinkiser u li jekk ma jinħariġx dan l-*interim measure*, ser tiġi sofferta ħsara li ma titranġax.

Jirreferi ghal kaz **Angelo Frank Paul Spiteri vs l-Avukat Ġenerali**, deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti qalet illi l-għoti tar-rimedju proviżorji m'għandux ikun ir-regola iżda l-eċċezzjoni assoluta f'każijiet estremi u eċċezzjonali.

Jaghmel referenza għall-4 sentenzi fir-rigward tar-rikuża, **Lawrence Grech et kontra l-Avukat Ġenerali** tas-7 ta' Marzu 2017, l-**Onoreveli Simon Busuttil kontra l-Avukat Ġenerali et** tad-29 t'Ottubru 2018, l-**Avukat Dr.Samuel Azzopardi kontra l-Avukat Ġenerali** fis-26 ta' Jannar 2018 u l-**kawża General Workers Union kontra l-Avukat Ġenerali et** tal-14 ta' Diċembru 2018, kollha sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali.

Jispjega l-Avukat tal-Istat illi l-principju illi l-gustizzja trid mhux biss issir imma tidher illi qed issir, dan ma ghandux ifisser illi jekk hemm biza' minn xi gudikant, allura ghandu jinghata 'xi servizz tal-Gudikant tal-ghazla tieghek'.

Jispjega illi kif johrog mis-sentenzi minnhu citati, il-biza trid tkun fil-konkret u mhux fl-astratt, kif tidher f'għajnejn a *fair minded and informed observer* mhux f'għajnejn ta' minn sempliċiment qed jallega jew f'għajnejn ta' kwalunkwe observer li ma jkollux is-sapjenza legali li hemm il-kwistjoni dwarha. Jsostni illi gudikant ghandu dejjem ikun prezunt imparzjali, u *interim measure* kif mitlub, jsostni illi huwa *contrario sensu* ghal din il-prezunzjoni.

L-Avukat tal-Istat jirreferi ghall-ostilita' li jidher illi hemm bejn il-Magistrat sedenti u r-rikorrenti u jsosnti illi hemm kelma kontra ohra, ghaliex il-Magistrat cahdet l-allegazzjonijiet ta' REPUBBLIKA. Fuq kollox jghid illi bl-agir tal-Magistrat sedenti ma ghandiex tinholoq narrattiva ta' ostilita'.

Jirreferi ghall-ECHR *guide notes* fuq l-Artiklu 6 li jghidu b'mod espress *illi the mere fact that the judge might have adopted procedural decisions unfavourable to the defence is not indicative of a lack of impartiality.*

Jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Dr. Leanne Zahra kontra l-Kummissarju tal-Pulizija** ta' 22 ta' Settembru 2015 u **Adrian Busietta kontral-Avukat Ġenerali et** sentenza tal-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali ta' 19 ta' Mejju 2005 fir-rigward tal-iskop tal-proceduri ta' challenge – u jsosnti illi l-Artiklu 6 lanqas ma mhu applikabbli.

Saret ukoll referenza ghal digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Anna Vassallo jive Spiteri kontra l-Avukat tal-Istat** tal-24 ta' Settembru 2001, fejn fiċ-ċirkostanzi simili wkoll kienet qed tintalab ir-rikuża ta' Ġudikant u t-talba tal-*interim measure* ġiet miċħuda.

Finalment l-Avukat tal-Istat isostni illi l-biza tar-rikorrenti illi l-Magistrat sedenti taqbad u tghaddi ghal decizjoni minghajr ma tisma' l-provi mhix biza` reali peress illi hemm digriet ta' din l-istess Qorti illi jhalli l-kawza ghas-27 ta' Ottubru 2022 ghall-provi kollha dwar din l-eccezzjoni preliminari u ghas-sottomissjonijiet legali dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

Il-Qorti tqis illi huwa pacifiku jinghad, anke minn skorta ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, illi l-ghoti ta' mizura provvizorja, fil-prinċipju, m'għandiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm xilja ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Pero` jibqa' dejjem l-obbligu illi din il-Qorti tezecita d-diskrezzjoni taghha skond kriterji illi ser jigu diskussi aktar l-isfel, bil-ghan dejjem illi taghti provvedimenti fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja u sabiex ikun hemm il-garanziji necessarji tul process gudizzjarju fl-intier tieghu.

Fil-kawza **Alfred Degiorgio vs Avukat tal-Istat et**[4], intqal hekk:

> *Skont il-Kostituzzjoni ta' Malta, s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ.*
>
> *Hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwistjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet. (P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et**)*

Il-Qorti tagħmel referenza għal xi prinċipji legali illi jirregolaw il-ħruġ ta' dawn l-ordnijiet, liema prinċipji legali ġew imfissra sew fis-sentenza '**Emmanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**'[5], fejn il-Qorti għamlet referenza għall-prinċipji li jirriżultaw minn każistika tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' awturi rinomati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem:

> *"Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment [fn. 2 Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl- ismijiet **Mamatkulov et vs Turkija** (Applik. Nru. 46837/99) § 110] .*

[4] 407/2022/1GM, digriet kamerali tat-12 ta' Awissu 2022
[5] deċiża fit 2 ta' Ġunju 2014

*F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu [fn. 3 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak* ***Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*** *(4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113].*

*Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ [fn.4 Deg P.A. (Kost.) AE* ***16.4.2014*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.****] ;*

*"Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab*[6] *u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha."*

Kif inghad fid-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta[7] u b'referenza ghal "*Factsheet*" tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar "*Interim Measures*" tqis dan ix-xorta ta' rimedju bhala eccezzjonali u tiddeskrivi hekk:

*In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition*[8]*. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the 3 application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8).*

[6] Sottolinear tal-Qorti
[7] 12/2021/1AF **Castillo Lourdes vs Avukat tal-Istat** 26.01.2021
[8] Sottolinear tal-Qorti

Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **Rosette Thake et vs Prim Ministru et**[9]:

> *…….. biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja serja ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu.*
>
> *Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provvizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg* ara Daniel Alexnader Holmes vs Avukat Generali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014

Il-*Factsheet* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar "*Interim Measures*" fuq msemmija tghid:

> *The Court's practice is to examine each request on an individual and priority basis through a written procedure. ……. The length of the interim measure is generally set to cover the duration of the proceedings before the Court or for a shorter period.*

Ulterjorment, kif inghad fil-kaz **Micallef vs Malta**[10]:

> *Preliminary proceedings, like those concerned with the grant of an interim measure such as an injunction, are not normally considered to determine civil rights and obligations and do not therefore normally fall within the protection of Art. 6. Nevertheless, in certain cases, the Court has applied Art. 6 to interim proceedings, notably by reason of their being decisive for the civil rights of the applicant.*
> *Moreover, it has held that an exception is to be made to the principle that Art. 6 will not apply, when the character of the interim decision exceptionally requires otherwise, because the measure requested was drastic; disposed of the main action to a considerable degree, and unless reversed on appeal would have affected the legal rights of the parties for a substantial period of time.*

[9] Rikors 50/16/1JRM

[10] (ECrtHR) 15/10/2009 (17056/06) (para 75) – kkwotat kif rapportat fil-ktieb "A commentary on the Constitution of Malta, 2016)

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi minn dan it-tghalim u skorta ta' gurisprudenza, il-Qorti tqis illi meta tigi biex tikkonsidra l-ghoti o meno ta' mizura provvizorja,

1) ghandha tikkunsidra illi ma jsir xejn illi jista' jxejjen jew inaqqas l-awtorita' u l-effickacja tas-sentenza li tinghata u/jew, izzid din il-Qorti, il-proceduri illi jkunu pendenti,

2) ma ghandiex tistrieh fuq sitwazzjonijiet ipotetici jew suppozizzjonijiet, imma fuq fatti, provi, anke jekk fil-livell prima facie.

3) ma ghandiex tilqa' talba b'mod legger kunsidrat illi hija prattika illi *interim measures* jinghataw biss f'kazijiet limitati, eccezzjonali u partikolari.

4) ma ghandiex tilqa' t-talba jekk ma tkunx konvinta illi hemm prova *prima facie* ta' ksur jew possibbli ksur ta' jedd fondamentali u li n-nuqqas ta' mizura provvizorja ggib hsara illi ma titreggax lura.

5) ma ghandiex takkolja talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja jekk ma jkunux jezistu cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg.

6) ghandha zzomm perspettiva miftuha u oggettiva biex ma tkunx rigida imma tapplika l-principji legali fl-ahjar diskrezzjoni taghha skond il-ligi u l-fatti li jkollha quddiemha, bi protezzjoni lejn l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha ghall-kaz illi ghandha quddiemha.

Il-Qorti tibda' biex tghid illi kull mhu ser jinghad f'din is-sentenza *in parte* b'ebda mod ma ghandu jfisser jew jigi interpretat illi jfisser illi din il-Qorti qed tesprimi ruha fuq il-mertu tal-vertenza. Dak li ghandu jinghad dwar il-mertu tal-vertenza ser jinghad fis-sentenza finali u wara illi l-kawza tiehu l-kors taghha kif xieraq. Kull mhu ser jinghad hawnekk huwa ghalhekk riferibbli **biss** ghal finijiet ta' din is-sentenza in parte li titratta t-tielet talba, dik ghal mizura provvizorja.

**Fit-tieni lok, il-Qorti qed taghmilha cara illi QATT ma hu accettat illi xi parti tittenta proceduri bhal dawn biex taghzel hi l-gudikant li jiddetermina l-kawza taghha stess.** Il-Qorti tabbraccja s-sottmissjoni tal-Avukat tal-Istat illi **kull gudikant huwa meqjus imparzjali** u hadd ma ghandu juza` l-procedura ta' rikuza u proceduri bhal dawn odjerni biex jiddetta hu liema gudikant ghandu jew ma ghandux jisma' l-kawza tieghu.

Il-Qorti tqis illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja tibda' mill-mument illi kaz jigi intavolat fir-Registru appozitu sakemm ikun hemm decizjoni finali ta' dik il-vertenza, u tul dan il-perkors kollu, twil jew qasir, ghandhom dejjem ikunu rispettati d-drittijiet fondamentali tal-persuni koncernati u ghandhom dejjem ikunu assikurati l-principji ovvji bhal ma hi illi l-gustizzja mhux biss trid issir, imma ukoll tidher li qed issir.

Irid jinghad illi talba ghal rikuza tista' tohloq skumdita` imma hija ghodda essenzjali, **jekk uzata tajjeb**, sabiex process guridiku ikun giust u jaghmel gustizzja mal-partijiet.

Fit-tezi tieghu **Judicial Challenge: A Case of Iudex in Causa Propria?**[11]**,** l-illum Avukat Thomas A. Bartolo ighid hekk:

> *Judicial recusal or challenge is the ability of a party to proceedings, be they of a criminal or civil nature, to request that a judge or magistrate forgo hearing the case before him. Judicial recusal or challenge comes about wherever a party has grounds at law to request that the member of the judiciary randomly chosen to preside over and determine the action before him, stop from doing so and be instead replaced by another member of the judiciary.*
>
> *Of course, one can easily understand why and how such a request and indeed such an institute constitutes a sensitive and delicate topic, given that it is easy to confuse a legitimate request for challenge or recusal with a lack of faith in the judge or magistrate or else with as an attempt at forum shopping*.[12]

---

[11] A Term Paper submitted to the Faculty of Laws, University of Malta in partial fulfilment of the degree of Bachelor of Laws (Honours) (LL.B. Hons.) April 2017
[12] Pg 14

Il-Qorti trid f'dan il-kuntest tikkwota ukoll decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John M. Mizzi vs Frederick Muscat noe**[13] fejn jintqal hekk fir-rigward ta' kif gudikant ghandu jittratta talba ghar-rikuza:

> *…… Huwa japprezza d-delikatezza u l-importanza tal-eccezzjoni sollevata kontra tieghu f'dan il-kaz ghax kwistjonijiet bhal dawn huma intimament marbuta mal-bazi stess tal-amministrazzjoni tal-gustizja, l-imparzjalita' manifestata.*

Il-Qorti tqis ukoll in-natura tal-kaz u tghid illi l-kaz ta' sfida illi jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-generalita' u t-totalita` tieghu, huwa wiehed illi qajjem interess pubbliku mhux ftit. Jista' facilment jigi mistqarr illi l-kaz huwa wiehed addirittura politiku, fejn organu tal-istat, il-Kummissarju tal-Pulizija, qed jinzamm akkont ghal eghmilu jew in-nuqqasijiet f'eghmilu. Ukoll, illi r-rizultat ta' dawn il-proceduri, jistghu potenzjalment iwasslu sabiex jinfethu aktar investigazzjonijiet u/jew jergghu jinfethu inkjesti magisterjali gja maghluqa, bhal ma hi dik komunament maghrufa bhala ta' 'l-Egrant', liema suggett kien ukoll qahhem tant interess pubbliku..

Issa f'dan il-kuntest il-Qorti trid tirreferi ghal dak li qalet il-Qorti Kosituzzjonali fil-kaz **General Workers Union vs Avukat Generali et**[14],

> *Fid-dawl tas-suespost, u partikolarment peress li l-kawża in kwistjoni hija kawża politika li għalhekk tattira aktar interess mill-pubbliku in ġenerali u ……………………………….., din il-qorti hija tal-fehma illi m'huwiex għal kollox imġebbed il-biża' tal-General Workers Union dwar il-parzjalità jew imparzjalità tal-ġudikant. Ma taqbilx għalhekk li r-rabta ta' soċju jew partner f'ditta legali hija "raġuni indiretta u remota wisq biex tqanqal dubju leġittimu dwar l-imparzjalità minn osservatur raġonevoli ..."*
>
> *Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ma hijiex irraġonevoli l-perċezzjoni li hemm rabta tal-familjarità bejn l-Imħallef Padovani Grima u d-ditta tal-avukati Fenech & Fenech Advocates li tista' tolqot ħażin id-dehra ta' imparzjalità oġġettiva tal-istess imħallef. Id-dubju ma huwiex wieħed li ma jitqiesx oġġettivament ġustifikat ukoll jekk dak id-dubju ma jolqotx l-imparzjalità soġġettiva tal-imħallef.*

---

[13] Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Caruana Curran, deciza 12.11.1990
[14] Qorti Kostituzzjonali, deciza 14.12.2018

Illi mill-atti jirrizulta illi l-Magistrati sedenti fil-proceduri ta' sfida, kellha okkazjonijiet ohrajn fejn esprimiet ruha f'decizjonijiet fejn hi stess astjeniet jew laqghet talba ghal rikuza taghha, u dan hija ghamlitu, fi kliemha stess:

> *sabiex ikun hemm trasparenza assoluta, fiducja shiha fil-process gudizzjajru li l-Qorti qed twettaq xogholha minghajr ebda forma ta' pregudizzju jew imparzjalita*….[15]
>
> *sabiex il-gustizzja mhux biss issir izda tidher illi qed issir …..*[16]
>
> *sabiex tinzamm konsistenza mad-digriet moghti minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2019……*[17]

Il-Qorti tqis ukoll illi l-istess Magistrat sedenti, stqarret illi:

> *……… il-Qorti tqis ir-responsabbilita' li f'kaz sensittiv bhal dan ghandu jitmexxa bl-aktar serenita' u dan minghajr ebda dubbji dejjem fl-ahjar interess tal-gustizzja……… sabiex tinzamm konsistenza mad-digriet moghti minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2019, tastjeni milli tisma' dan il-kaz u konsegwentament tordna li l-atti jintbghatu lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex din il-kawza tigi assenjata skond il-ligi.*[18]

Huwa car ghalhekk, illi fis-snin li ghaddew, fejn il-Qrati taghna esperjenzaw diversi kazijiet sensittivi b'indoli politici u b'interess pubbliku ghall-elementi politici li l-kawzi huma afflitti bihom, il-Qrati taghna, il-Gudikanti taghna, inkluz l-Magistrat sedenti, dejjem hadu posizzjoni kawta hafna. Mhux tant ghaliex kienet kompromessa l-imparzjalita' tal-gudikant jew ghaliex tpoggiet *in ballo* l-integrita' tal-gudikant, imma aktar minn kollox ghas-serenita' tal-process gudizzjarju, fl-ahjar interess tal-gustizzja, ghat-trasparenza tal-process giudizzjarju, biex ma tittappanx il-fiducja fil-Qrati u fuq kollox sabiex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher illi qeghda issir.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi dak li ghamlet il-Magistrat sedenti fl-erba' okkazjonijiet precedenti, ossia ir-rikuza jew astensjoni ghal ragunijiet simili migjuba f'dan il-kaz odjern, holoq bazi legittima biex parti fi proceduri fejn jistghu jkunu sollevati l-

---

15 28.10.2019 **Il-Pulizija vs Paul Bailey et**

16 03.12.2019 **Il-Pulizija vs Yorgen Fenech**

17 16.12.2019 **Fl-atti ta' Inkjesta dwar allegat uzu mhux legittimu ta' fondi p**ubblici **u reati ohra in konessjoni ma' impjieg ta' Melvin Theuma ma' kumpannija tal-Gvern fix-xhud bejn Marzu u Ottubru 2017**

18 05.03.2021 **Il-Pulizija vs George Degiorgio et**

istess ragunijiet ta' rikuza tippretendi illi l-Magistrat sedenti timxi bl-istess mod. Kienet tkun differenti l-kwistjoni u din il-Qorti kienet aktarx tiehu *approach* differenti illi kieku ma kienx hemm dawn id-decizjonijiet tal-istess Magistrat.

Il-Qorti tirreferi ukoll, per ezempju, ghad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-llum Imhallef Dr Consuelo Scerri Herrera, fis-17 ta' Ottubru 2017, fl-atti tar-Rikors pprezentat minn Dr Peter Caruana Galizia et nhar is-16 ta' Ottubru 2017, meta, fost ohrajn, ikkwotat il-kaz **Algar vs Spain**[19], fejn intqal:

> In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done". **What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public**. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality **must** withdraw.

Decizjonijiet bhal dawn, inkluz mill-erba' digrieti moghtija mill-istess Magistrat sedenti, kienu jfissru illi l-Qrati taghna jibqghu pilastru mill-aktar importanti fis-sistema demokratika u kostituzzjonali ta' pajjizna bbazata fuq is-saltna tad-dritt.

F'dawn id-decizjonijiet tal-Magistrat sedenti, hija mxiet anke ma' dak li jghallmuna anke guristi u qrati Inglizi.

> *It is a basic principle of English Law that a judge should not sit to hear a case in which a fair-minded and informed observer, having considered the facts, would conclude that there was a real possibility that s/he was biased………….The concept of bias includes any personal interest in the case or friendship with the participants, but extends further to any real possibility that a judge would approach a case with a closed mind, or, indeed, with anything other than an objective view, a real possibility, in other words, that s/he might have prejudiced the case.*[20]

U huwa ghalhekk illi l-Qorti tqis illi l-Magistrat sedenti kienet korretta f'dawk id-digrieti. Issa, *a fair minded and informed observer*, anke b'referenza ghal dak li jirrizulta mill-atti tal-kaz u dak trattat mill-Avukat tal-Istat, bilfors, fl-isfond tal-fatti li ghandna quddiemna, isaqsi – imma f'dan il-kaz ghaliex ma rrikuzatx bhal ma

---

[19] 28194/95 deciz mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Ottubru 1998
20 Porter vs Magill (2002)

ghamlet qabel? Ghaliex hawnekk il-Magistrat sedenti hadet triq ohra u zammitx il-'*konsistenza*' illi kienet addottat hi stess b'tant ghaqal? Domanda legittima, mhux tal-Qorti, imma ta' *a fair minded and informed observer*.

Fil-kaz **Locabail**, il-Qorti tal-Appell Ingliza qalet hekk:

> *It would be dangerous and futile to attempt to define or list factors which may or may not give rise to a real danger of bias. Everything will depend on the facts, which may include the nature of the issue to be decided. ………..* ***<u>But if in any case there is real ground for doubt, that doubt should be resolved in favour of recusal</u>****.*[21]

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti REPUBBLIKA irnexxielha tipprova, fuq livell *prima facie*, il-biza' taghha u dan meta jitqies illi kien hemm kazijiet sensittivi bhal dan in ezami u l-Magistrat sedenti irrikuzat jew astjeniet ghall-istess ragunijiet li ghalihom qed tintalab hawnekk, imma hawnekk ma rrikuzatx. Ulterjorment illi hemm digrieti illi jaccennaw ghall-konsistenza fid-decizjonijiet tal-Magistrat sedenti – imma f'dan il-kaz, il-Magistrat sedenti ma dehriliex illi ghandha zzomm ma' dik il-konsistenza.

Il-Qorti tqis illi huwa legittimu jinghad illi REPUBBLIKA mhux qed thoss illi l-gustizzja qed issir, jew almenu tidher illi qed issir, meta kien hemm linja konsistenti ta' decizjonijiet ta' rikuza u/jew astensjonijiet kif dikjarat mill-Magistrat stess ghall-istess ragunijiet hawnekk sollevati, li llum u f'dan il-kaz jidher illi mhux qed tinzamm. Il-Qorti tqis illi l-biza` illi jinholoq b'dan l-atteggjament hu, ghal finijiet ta' din is-sentenza u ta' dak li jrid jigi ppruvat hawnekk, wiehed reali u fondat.

Il-Qorti trid taghmila cara illi b'daqsekk ma jfissirx illi nkissru l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti. Dak ghad irid ikun mistharreg f'aktar dettal u deciz fis-sentenza finali. Li qed jinghad hu illi ghal finijiet ta' din is-sentenza, il-Qorti thoss illi din id-dipartenza tal-Magistrat sedenti mill-linja konsistenti u cara illi kienet hadet, tista' tqajjem thassib serju f'mohh ir-rikorrenti dwar jekk hux ser jiehu gustizzja u jekk il-kaz taghhom hux ser ikun trasparenti u kondott b'mod illi l-gustizzja ssir imma ukoll tidher illi qed issir.

Illi din il-biza' ssib forma aktar b'sahhitha meta wiehed jifli u jqis dak kollu illi sar fil-proceduri ta' sfida, kif jirrizulta mill-atti, cirkostanzi illi addirittura, iz-zewg partijiet hawnekk wasslu biex jiddiskrevuhom bhala '*ostili'* bejn ir-rikorrenti u l-Magistrat sedenti, anke jekk l-Avukat tal-Istat intimat ighid illi ma ghandiex tinholoq narrattiva

21 Locabail (UK) Limited vs Bayfield Properties Limited (2000) QB 451

bhal din, b'dana kollu jikkoncedi illi hemm per ezempju, diskrepanzi fil-verzjonijiet, fejn kelma tal-Magistrat sedenti ma taqbilx mal-kelma guramentata tal-hawnekk rikorrenti.

Il-Qorti tqis illi anke dan id-dizgwid fih inniffsu jimmerita attenzjoni. Filwaqt illi mhux kull dizgwid necessarjament ifisser illi gudikant ghandu jastjeni jew jirrikuza, f'dan il-kaz sensittiv, tali dizgwid fl-isfond tal-fatti kif sehhew, ma jistghax jghaddi inosservat.

Illi fir-rigward, il-Qorti tibda' biex tghid illi ma ghandu qatt ikun hemm atteggjament ostili bejn gudikant u l-partijiet jew xi wahda minnhom. Thossha fid-dover tghid ukoll pero`, **illi ebda wahda mill-partijiet ma ghandha jew ghandha tigi tollerata illi tohloq hi xi sitwazzjoni ta' ostilita' bejnha u l-gudikant sedenti**. Hemm regoli u ligijiet ta' procedura cari u huwa mistenni minn kull Qorti illi tiehu l-provvedimenti opportuni skond il-ligi jekk u fl-eventwalita' illi tara illi qed isir dan. **Huwa dejjem mistenni minn kull parti illi tirrispetta l-awtorita` tal-Qorti**.

Jibqa' l-fatt illi f'dan il-kaz din is-sitwazzjoni twieldet minn dak li jidher illi gara fl-Awla, senjatment bil-fatt illi jidher illi hemm nuqqas ta' qbil fil-verzjoni tal-fatti ta' kif sehhew certu affarijiet fl-Awla waqt is-seduta. Jirrizulta mill-atti illi dikjarazzjonijiet guramentati u rapportagg fil-mezzi tax-xandir ma jaqblux ma' dak espost mill-Qorti fid-digriet taghha.

Ukoll irid jinghad illi l-fatt illi jirrizulta illi l-Magistrat sedenti esprimiet ruha fuq fatt illi ma kien jirrizulta minn mkien fl-atti, li ma kien sottomess minn ebda wahda mill-partijiet, certament illi johloq dubbji serji f'mohh parti jew ohra dwar l-andament tal-proceduri – u f'dan il-kuntest ukoll illi l-Qorti qed tifhem illi fuq livell *prima facie*, ir-rikorrenti rnexxielha, ghal finijiet tal-mizura provvizorja, tipprova l-biza` ragjonata taghha illi l-kawza titkompla tigi preseduta mill-Magistrat llum sedenti.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi mal-ewwel talba ghar-rikuza ghal ragunijiet li kienu similarment moghtija f'proceduri ohra, il-Magistrat sedenti gja kienet mistennija illi tirrikuza ruha in linea ta' konsistenza ma' provvedimenti precedenti. Ulterjorment pero`, ghal mod kif zvolgew il-proceduri, jidher illi kien ikun aktar f'lokhu illi kieku il-Magistrat sedenti laqghet it-talba tar-rikorrenti fit-tieni jew it-tielet okkazjoni. Certament illi kien ikun hemm ferm aktar certezza ta' trasparenza li l-gustizzja tidher illi qeghda ssir.

Il-Qorti tqis illi l-fatti li jsawwru u jiccirkondaw dan il-kaz partikolari kif fuq esposti anke jekk fuq livell ta' *prima facie* u fuq kollox kif jidher illi huma inkontestati,

jikkostitwixxu kaz estrem u straordinarju li jisthoqqlu l-ghoti ta’ rimedju provizorju, u huwa ghalhekk illi din il-Qorti, f’dan il-kaz, ser tkun qed tiddippartixxi mir-regola generali illi mizura provvizorja mhux solitu illi tintlaqa’ u tipprovdi, kif jidhrilha xieraq fic-cirkotanzi.

Illi l-Qorti tqis illi bil mod kif inhi ppostulata t-tielet talba imma ukoll u fuq kollox kif ser tipprovdi din il-Qorti b’din is-sentenza parzjali, mhu ser isir xejn illi jista’ jxejjen jew inaqqas l-effikacja tal-proceduri ta’ sfida quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Il-Qorti ghandha l-konfort illi b’dan li qed jigi deciz, bil-mizura provvizorja illi ser tittiehed, il-process ta’ sfida la ser jigi mwaqqaf u lanqas mxekkel – u dan fl-istess interess tal-amministrazzjoni ta’ dak il-kaz.

Ukoll, il-Qorti thoss illi biex tasal ghal din id-decizjoni mhix qed tistrieh fuq sitwazzjonijiet ipotetici jew suppozizzjonijiet, imma fuq fatti, provi, anke jekk fil-livell *prima facie*, li huma fuq kollox inkontestati u dokumentati.

Il-Qorti tqis ukoll illi b’din id-decizjoni, hi mhix qed tilqa’ talba b’mod legger, imma wara hafna hsieb u bil-ghan ahhari illi tkun protetta il-gustizzja u l-amministrazzjoni taghha, u ghalhekk, ghalkemm ikkunsidrat illi hija prattika illi *interim measures* jinghataw biss f’kazijiet limitati u partikolari, thoss, anke ghaliex mhux prekluz, illi f’dan il-kaz jixraq mod iehor.

Il-Qorti trid taghmilha cara illi b’din id-decizjoni in parte MHUX u b’edba mod ma ghandu jigi interpretat illi l-Magistrat sedenti kissret jew qed tikser xi drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, imma tistqarr illi dan ghandu jigi mistharreg fil-mertu u deciz fis-sentenza finali mad-decizjoni tal-ewwel talba maghmula.

Il-Qorti tqis pero` illi din is-sentenza hija necessarja sabiex ikun assikurat illi fil-process ta’ sfida, il-gustizzja mhux biss issir imma ukoll tidher illi qeghda ssir. Necessarja ukoll, fil-fehma tal-Qorti, sabiex tipprotegi bl-ahjar mod possibbli il-fiducja illi l-Qrati taghna ghandhom igawdu f’socjeta’ demokratika.

Il-Qorti tqis illi, parikolarment b’referenza ghall-fatt inkontestat u dokumentat illi l-Magistrat sedenti rrikuzat ruha f’erba’ okkazjonijiet ohra ghal ragunijiet simili kif kien mitlub f’dan il-kaz, hija ghandha quddiemha cirkostanzi eccezzjonali li jaghmlu l-akkoljiment tat-tielet talba mehtiega.

Finalment, il-Qorti thoss illi hija zammet perspettiva miftuha u oggettiva biex ma tkunx rigida imma tapplika l-principji legali fl-ahjar diskrezzjoni taghha skond il-ligi u l-fatti li jkollha quddiemha. Ukoll illi din is-sentenza mhix ser ixxekkel l-

amministrazzjoni tal-gustizzja u l-andament tal-kawza ta' sfida pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati. U dan tghidu ukoll billi ssib konfort f'dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier et**:

> *Fil-fehma tal-Qorti, l-adegwatezza u l-effettivita` tar-rimedju li talvolta jista' jinghata, wiehed irid jezaminah mhux sempliciment billi jhares lejn in-natura tal-vjolazzjoni lamentata u jara, fl-evetwalita` li sehhet dik il-vjolazzjoni, x'jistghu jkunu r-rimedji, izda wkoll billi jezamina l-fattispeci partikolari tal-kaz, inkluzi l-antecedenti li jkunu wasslu ghall-vertenza, biex jara jekk hemmx xi cirkostanza insolita li timmilita favur il-mizura ad interim fil-konsiderazzjoni generali ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja.*[22]

**DECIDE**

**GHALDASTANT**, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-determinazzjoni tat-tielet talba mressqa fir-rikors promotur, u wara l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula, tgħaddi biex **tichad** l-ewwel parti tat-tielet talba tar-rikorrenti mmarkata (a) hawn fuq msejjha l-ewwel alternattiva u tghaddi biex **tilqa' it-tieni parti mmarkata (b) tat-tielet talba** hawn fuq msejjha it-tieni alternattiva, fis-sens illi *tordna illi l-kawza ta' sfida msemmija u fl-ismijiet **REPUBBLIKA vs Kummissarju tal-Pulizija** pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta sal-llum mill-Magistrat Dr Nadine Lia titkompla minn Magistrat iehor illi jigi assenjat skond il-ligi, u tordna ghalhekk il-komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati sabiex jibghat l-imsemmija atti tal-kawza skond il-ligi ghall-kontinwazzjoni taghha minn Magistrat divers minn dak li qed jippresjedi llum.*

**Spejjeż** tal-proċedura odjerna qed jiġu riżervati għad-deċiżjoni finali.

**Ian Spiteri Bailey**
Imħallef

**Marisa Bugeja**
Deputat Reġistratur

[22] 21/2005/1, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali, 22.08.2005